– **XOGHOL T'APPALT MOGHTI MILL-ATTUR LILL-KONVENUT: *SPRAY* FUQ VETTURA** –
– **ALLEGAZZJONI LI L-KULUR MA JAQBILX U LI SEHHEW HSARAT WAQT IX-XOGHOL** –
– **RAPPORT GURIDIKU BEJN IL-PARTIJIET U "IURA NOVIT CURIA"**–
– **ATTUR IRID JIPPROVA L-KAZ TIEGHU FUQ BILANC TA' PROBABBILITÀ** –
– **NUQQAS LI JSEHH KONTROEZAMI TA' XHUD JEW XHIEDA** –
– **IS-SILENZJU GURIDIKU JEW GUDIZZJARJU** –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgha, 9 ta' Jannar, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **208/2017**

**EMANUEL ESPOSITO**
[K.I. NRU. 56756M]

***VERSUS***

**CARMELO MUGLIETT**
[K.I. NRU. 523177M][1]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba[2] prezentat fit-18 ta' April, 2017 fejn l-attur ippremetta u talab hekk:

---

[1] In-numru tal-karta ta' l-identità tal-konvenut kien erronjament indikat bhala «3523177M» (kemm fl-Avviz tat-Talba u kif ukoll fir-Risposta). Jidher apparenti li z-zieda tan-numru «3» fil-bidu kienet semplici zvista. Issir referenza ghas-sentenzi, fost ohrajn, *in re* **Il-Pulizija v. Josephine Grixti** (Appell Kriminali Inferjuri, 25 ta' Jannar, 2007); **Il-Pulizija v. Kingsley Wilcox** (Appell Kriminali Inferjuri, 27 ta' Settembru, 2007); **Il-Pulizija v. Mario Zammit** (Appell Kriminali Inferjuri, 31 ta' Lulju, 2008); **Il-Pulizija v. Raymond Sammut** (Appell Kriminali Inferjuri, 15 ta' Jannar, 2009); u **The Police v. Mohamed Hussein Abdi** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Dicembru, 2017) li lkoll jikkontemplaw l-aspett ta' "*lapsus calami*" u/jew "*lapsus computetri*" meta jsehh zball ta' kitba jew ta' *typing* (dattilografu) f'atti gudizzjarji.

[2] Ara *a fol*. 1 u *a fol*. 10.

Illi f'Ottubru u Novembru tas-sena 2016 l-esponenti kien inkariga lill-konvenut sabiex iwettaq xoghol ta' tiswija u *spray* fuq il-vettura proprjetà tal-esponenti tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni ACB-786 u dan gewwa Mugliett Garage, 35, Triq in-Nasab, Qormi.

Illi effettivament il-konvenut kien gie inkarigat mill-esponenti sabiex jaghmel xoghol ta' *spray* fuq iz-zewg *bumpers*, il-bieba ta' wara, is-saqaf u l-*handle* tal-bieba ta' wara tan-naha tal-passiggier kif ukoll xoghol ta' tiswija fuq it-*tow bar*. Illi ghal dan ix-xoghol il-konvenut zamm il-prezz ta' erbgha mija u hamsin euro (€450.00) liema prezz gie imhallas mill-esponenti.

Illi fl-istess gurnata illi l-esponenti gabar il-vettura mill-*Garage* tal-konvenut u cioè hekk kif wasal u pparkja l-vettura quddiem il-bieb tad-dar tieghu, l-esponenti ntebah illi x-xoghol in kwistjoni kien xoghol hazin u zgur illi mhux kif titlob is-sengha u l-arti.

Illi fil-fatt, fil-waqt illi parti mix-xoghol inkarigat lil u mwettaq mill-konvenut sar kif mitlub, ix-xoghol ta' *spray* fuq il-*bumper* ta' quddiem u l-*bumper* ta' wara kien sar hazin billi l-kulur tal-i*spray* ma jaqbilx mal-kulur originali, kif johrog mir-ritratti hawn annessi bhala "Dok. A" u "Dok. B" rispettivament u inoltre, waqt illi kien qieghed isir ix-xoghol ta' *spray* fuq il-*bumper* ta' quddiem il-konvenut kisser ix-xibka u cioè il-*Grille Radiator*, tant illi mir-ritratt hawn anness bhala "Dok. C" jidher illi l-konvenut prova jirranga l-istess xibka bil-kolla, u meta sar ix-xoghol ta' *spray* fuq il-*bumper* ta' wara l-*cover* tal-*plastic* tar-rota ta' wara tan-naha tal-passiggier ma twahhalx sew bil-konsegwenza li tkisser mal-istess rota, kif jidher minn "Dok. D" hawn anness.

Illi bhala spiza addizzjonali sabiex jerga' jsir xoghol ta' *spray painting* fuq iz-zewg *bumpers* tal-vettura l-esponenti ser ikollu jhallas is-somma ta' €180.00 u dan kif johrog mill-istima hawn anessi u mmarkata bhala "Dok. E". Ghall-kiri ta' vettura alternattiva ghal zmien tlett ijiem sakemm isir ix-xoghol ta' tiswija l-esponenti ser ikollu jhallas lil JK Car Rentals is-somma ta' €54. Illi sabiex jixtri *grille radiator* u l-*cover* tar-rota ta' wara tax-xellug godda l-esponenti ser ikollu jhallas il-prezzijiet rispettivi ta' €112.86 u €180.34 u dan kif johrog mill-kwotazzjonijiet hawn annessi rispettivament bhala "Dok. F" u "Dok. G".

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara illi l-konvenut ma wettaqx l-appalt inkarigat lilu mill-attur skond is-sengha u l-arti; jiddikjara wkoll illi bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila, waqt illi esegwixxa l-istess xoghol inkarigat lilu mill-attur, il-konvenut ikkawza danni lill-attur konsistenti fi hsarat fuq il-vettura proprjetà tieghu bin-numru ta' registrazzjoni ACB-786 u cioè lill-*grille radiator* u lill-*cover* tar-rota ta' wara u konsegwentement jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma globali ta' hames mija u sebgha u ghoxrin euro u ghoxrin centezmu (€527.20).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Dicembru 2016[3] u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta[4] tal-konvenut tat-18 ta' Mejju, 2017 fejn irrezista ghall-pretiza attrici billi eccepixxa illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-

[3] Tali ittra qatt ma giet ezebita mill-attur ghalkemm tisemma' fix-xhieda tal-konvenut.

allegazzjonijiet vantati huma inveritjieri u dana kif ser jirrizulta fil-kors u t-trattazzjoni tal-kawza.

Ikkunsidra l-provi kollha mressqa u ra l-atti kollha processwali;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018, f'liema udjenza l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

It-Tribunal jikkunsidra;

In brevi, il-prezenti azzjoni – kif dezunt mill-premessi u talbiet attrici *supra* katalogati – titratta dwar talba biex il-konvenut jigi misjub responsabbli li wettaq xoghol (ta' *spray*) fuq vettura (ta' l-attur) mhux skond l-arti u s-sengha u, addizzjonalment, li, bi traskuragni, ikkaguna hsarat fuq l-istess waqt li kien ghaddej b'tali xoghlijiet. L-ammont reklamat mill-attur bhala rizarciment huwa fl-ammont komplessiv ta' €566.81c.[5] Min-naha tieghu, il-konvenut jirrespingi tali allegazzjonijiet u jikkontendi li hu m'ghandux jahti di fronti ghal dak domandat mill-attur.

Qabel kull konsiderazzjoni, it-Tribunal jemmen illi jkun meritevoli li tigi qabel xejn definita r-relazzjoni li tghaddi bejn il-partijiet u dan ghax "*Qualunque siano per essere le espressioni usate dalle parti contendenti, è sempre il giudice che definisce, dal punto di vista del diritto, il rapporto giuridico e dà il vero nomen iuris all'azione promossa in giudizio*" (*cfr*. **Antonio Butera**, "Delle Servitú Prediali", UTET ed. 1923; Vol: III, §302, p.558).[6] Mix-xena domestika inghad li, "*ghalkemm il-partijiet jaghtu lill-ftehim taghhom*

---

[4] Ara *a fol*. 29 u *a tergo* ta' l-istess.

[5] L-ammont originali mitlub kien ta' €527.20c izda fl-udjenza tat-22 ta' Dettembru, 2017 dan zdied ghal €566.81 u dan l'ghaliex "*mid-data tal-intavolar tal-kawza sal-prezent, irrizultaw danni ulterjuri fil-vettura mertu tal-kawza.*" (*a fol*. 16).

[6] Inhasset il-htiega li t-Tribunal – kemm hawnhekk u kemm f'partijiet ohra ta' din id-decizjoni – jdur lejn id-duttrina legali u decizjonijiet esteri proprju ghaliex fin-nuqqas ta' illuminazzjoni mill-legislazzjoni jew mill-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jdur fuq taghlim dottrinali esteru. Dan ghaliex "*hija prattika kostanti li l-Qrati taghna, meta jigu biex jinterpretaw ligijiet simili ghal ligijiet esteri, li huma jaghmlu referenza ghal u anke isegwu l-awturi eminent li jikkummentaw fuq dawk il-ligijiet esteri u l-Qrati esteri superjuri li japplikawhom*" (**Il-Prim'Ministru et v. Sister Luigi Dunkin noe**, Appell Superjuri, 3 ta' Gunju, 1981; mhux pubblikata). Ara wkoll f'dan is-sens **Dr. Alessandro Claudio Debono ne v. Dr. Alessandro Barone Chapelle ed** (Appell Superjuri, 22 ta' Jannar, 1890 riportata f'*Kollez*. Vol.XII(B), p.365) u **Nobile Luisa Strickland v. Il Marchese Felicissimo Apap** (Appell Superjuri, 14 ta' Frar, 1879 riportata f'*Kollez*. Vol.VIII(D), p.710). Agguntivament, fis-sentenza **Marquis James Cassar Desain v. James Louis Forbes, O.B. E. nomine** (Appell Superjuri, 7 ta' Jannar, 1935 riportata f'*Kollez*. Vol.XXIX(A)-I-43 a p.47) gie ritenut illi t-taghlim legislattiv u dottrinali ta' l-Italja u anke ta' Franza, "*are among the recognised sources of our own general Jurisprudence*". Tali osservazzjonijiet tal-qrati taghna jista' jkun sehhew minhabba fatt ferm interessanti li mat-trapass taz-zmien, forsi, qed jintesa. Il-*Codice Municipale di Malta*, komunement maghruf bhala l-*Code de Rohan*, promulgat fl-1784 mill-Gran Mastru de Rohan-Polduc, qatt ma gie legislittivament abbrogat bl-introduzzjoni ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, ossia l-Kodici Civili li illum jinsab

*xbiha ta' figura guridika, hija l-Qorti li fl-ahhar mill-ahhar ghandha tara fil-fatt x'ghamlu, u fuq is-sustanza li tirrizulta tapplika n-nomen juris u l-ligi*." (ara sentenza riportata f'*Kollez*. **Vol.XXXIII-I-774**; dik *in re* **Maria Sammut v. Lawrence Sammut et**, Prim'Awla, 28 ta' Jannar, 2004; u dik *in re* **Carmelo *sive* Charles Scerri et v. Joseph Sammut et**, Prim'Awla, 26 ta' Gunju, 2012). Fid-decizjoni *in re* **Mcf Company Limited v. Refala Martin et** (Prim'Awla, 3 ta' Ottubru, 2013) inghad li, "*Hu dritt u dmir tal-Qorti li anki jekk il-partijiet ma jindikawx b'mod esplicitu l-parametru legali tal-azzjoni, l-istess Qorti ghandha taghti hi jekk possibli figura guridika ghar-relazzjoni bejn il-partijiet fuq dak li jirrizulta mill-provi.*"

Tant dan hu principju assolut li mhux l-ewwel darba, b'impuls proprju, il-qrati jikkwalifikaw l-indoli vera ta' l-azzjoni esperita meta l-kontendenti ikunu arginaw il-litigju taghhom fuq binarji ohra diversi. Bhala ezemplari tigi senjalata d-decizjoni, gjà msemmija, *in re* **MCF Company Limited v. Refala Martin et** fejn il-qorti, *marte proprio*, iddefiniet ir-rapport guridiku bejn il-partijiet bhala wiehed ta' appalt ghalkemm l-istess partijiet ommettew li jiddeskrivuha. Decizjoni ohra hi dik *in re* **Joseph Agius et v. Golu Spiteri** (Prim'Awla, 16 ta' Settembru, 2013; konfermata fil-mertu fl-appell fl-24 ta' Novembru, 2017) fejn l-attur sahaq li l-azzjoni tieghu kienet wahda possessorja ("actio spolii"), filwaqt li l-qorti kwalifikatha bhala t'indoli petitorja ("actio confessoria") u laqghet it-talbiet xorta wahda fuq dan it-tieni binarju. Raguni wara dan jista' jinstab koncizament spjegat fin-notamenti tal-**PROFESSUR VICTOR CARUANA GALIZIA** ("Notes on the Code of Organisation & Civil Procedure", Titolu G «Instructions of the Proceedings & Evidence in General»; pp.1370–1371) fejn jispjega hekk: "*It is the duty of the parties, in instructing the question of law, to show to the judge the law existing in favour of their respective views; it is, however, also the duty of the Judge, with reference to questions of law, to*

---

katalogat fil-Kapitolu 16 tal-Legislazzjonijiet domestici (*vide* **Fortunata Azzopardi v. Capt. Salvatore Azzopardi**, Appell Civili, 11 ta' Gunju, 1875 – Decisione N° 346 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)–421; **Gentiluomo Filippo Zammit v. Michelina Pisani Demajo**, Appell Civili, 7 ta' Mejju, 1875 – Decisione N° 334 riportata f'*Kollez*. Vol. VII(B)–401 u l-istudju intitolat "Maltese Legal History Under British Rule (1801–1836)" ta' l-**ONOR. IMHALLEF HUGH W. HARDING** [Malta, 1980; p. 2 *et seqq*.]), jikkontjeni disposizzjoni ferm singolari. L-Artikolu XXXVII tal-*Codice Municipale di Malta* [disposizzjoni li hi misjuba taht Libro Primo «DE' TRIBUNALI COMPETENTI, MAGISTRATI, ED ALTRI OFFICIALI, E DE' PUBLICI OFFICJ», Capo Ottavo (VIII) intitolat «DEL TRIBUNALE COLLEGIATO E DELLA SUA EREZIONE E COMPETENZA»] jghid li l-gudikant ma jistax "*servirsi di veruna potestà arbitraria, quante volte non sarà regolata da quello che si dispone dalle leggi municipali, ed in loro difetto dalle leggi comuni, e ne'casi controversi e dubbi dalle **opinioni abbracciate ne' Supremi e piú accreditati tribunali***." [enfazi mizjuda minn dan it-Tribunal]. L-ispirtu ta' l-Artikolu XXXVII jassomilja, xi ftit jew wisq, lill-Artikolu 12 fil-Kodici Civili Taljan (parti intitolata «DISPOSIZIONI SULLA LEGGE IN GENERALE», Art. 12, 2° comma), li jghid hekk: "*Se una controversia non può essere decisa con una precisa disposizione, si ha riguardo alle disposizioni che regolano casi simili o materie analoghe; se il caso rimane ancora dubbio, si decide secondo i princìpi generali dell'ordinamento giuridico dello Stato*.". F'dan is-sens wiehed hu mistieden jara **BIAGIO ANDÒ**, "The Mélange of Innovation & Tradition in Maltese Law: The Essence of the Maltese Mix?" 2012; Vol. 15, N° 3 – disponibbli ukoll fuq il-*web*: http://www.saflii.org/za/journals/PER/2012/36.pdf).

*make good the mistakes or deficiencies of the parties: iura novit curia.*[7] *It is, therefore, the duty of the Judge to examine all the juridical aspects of the case: narra mihi factum, narra tibi jus. In performing these functions the Judge does not require the initiative of the parties, who, on the contrary, cannot exercise coercive means on his inquiries*."

Jinghad illi d-dritt t'azzjoni m'huwa xejn hlief astrazzjoni guridika meta mehud in izolament mill-bqija tad-dritt. Tali dritt jikkonkretizza ruhu bid-domanda gudizzjali, "*che si compendia nella formula «ne procedat judex ex officio» ed assume nel processo civile, e nell'ordinamento giuridico, una basilare importanza. Tramite di esso, infatti, l'esercizio della giurisdizione civile, tra le più salienti manifestazioni della sovranità, è rimesso al potere di disposizione della parte, la quale ha quindi la facoltà esclusiva di condizionarlo alle proprie determinazioni. Sotto tale aspetto il principio della domanda coincide con quello disposittivo, che informa, salvo le ristrette eccezioni di legge, il processo civile*" (**GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007, p.192). Inoltre, "*La domanda, anche se non essa soltanto, determina l'oggetto del giudizio*" (*ibid*., p.197). Illi sommati flimkien (id-dritt t'azzjoni u d-domanda gudizzjali), id-duttrina prevalenti tghallem li, "*ad ogni diritto, riconosciuto dalla legge positiva, corrisponde l'azione giudiziaria, a meno che questa sia stata espressamente*

---

[7] Massima li tixxiebah ma' din hi dik ta' "da mihi factum, dabo tibi ius" (tranduz. 'forniscimi il fatto, ti darò il diritto'): "*nel processo civile, alle parti è attribuito il compito di fornire al giudice le prove su cui si fonda il diritto che intendono far valere in giudizio; all'ordine giudicante è demandata la funzione di ricercare e di interpretare le norme da applicare al caso concreto sottoposto al suo giudizio*" (*cfr*. **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; p.85). «Iura novit curia» inghatat is-segwenti tifsiriet:

*(a)* "*Aforisma medieval secondo cui le norme giuridiche non vanno né invocate espressamente né provate (nella loro esistenza) dale parti, perché rientranti nelle conoscenze del giudice. Questi ignora, invece, il fatto finché non sia provato*" (*cfr*. **FEDERICO DEL GIUDICE**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "iura novit curia, facta sunt probanda", p.163);

*(b)* "*Il giudice deve trovar d'ufficio la norma di legge che serve al fatto, senza aspettare che le parti gliela suggeriscano*" (*cfr*. **PIERO CALAMANDREI**, "Elogio Dei Giudici", Ponte Alle Grazie ed. 1995; p.35);

*(c)* "*Vige il principio iura novit curia, che vale: non è necessario offrire al giudice la prova dell'esistenza della norma giuridica; egli, infatti, e come cittadino e, piú, per il dovero specifico, derivantegli dalla funzione che esercita, deve procurarsi da sè la conoscenza della norma*" (*cfr*. **FRANCESCO MESSINEO**, "Manuale di Diritto Civile e Commerciale", Giuffrè ed. 1952; Vol: I, §6, p.93);

*(d)* "*Nella ricerca del diritto ... il giudice è investito delle piena competenza per stabilire le norme da applicarsi (*iura novit curia*). Potrà essere, ed è, interesse delle parti di richiamare l'attenzione del giudice sui princípi di diritto che esse credono più utili a una decisione favorevole della lite, e in questo – oltre che nell'abilità di presentare i dati di fatto e le prove – sta il compito più fine dell'avvocato civilista. Però il giudice rimane libero nella ricerca del diritto da applicare, e può applicare anche norme non richiamate dagli interessati. Insomma il rapport che si istituisce tra giudice e parti è ben descritto nel discorso che il primo potrebbe fare a ciascun contendente:* narra mihi factum, dabo tibi ius. *Il giudice, come organo sottoposto alla legge, deve prima di tutto interpretare, e quindi applicare la norma che si mostri adatta alla fattispecie. Egli deve sempre trovare la norma idonea a regolare il caso* " (*cfr*. **ALBERTO TRABUCCHI**, "Istituzioni di Diritto Civile", CEDAM, 43ª ed., 2007; §50, p.52).

*dal legislatore negata, e sostituita da qualche altra garanzia*" (**Luigi Mattirolo**, "Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano" Vol. **I**, Torino 1892; **I** §18 p.30).

Dan m'huwa xejn gdid peress li anke lokalment il-qrati taghna ilhom isostnu illi hu principju fid-dritt patriju li n-natura ta' l-azzjoni ghandha tigi dezunta mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. In fatti, *in re* **Improved Design Limited v. Anthony Mifsud et** (Appell Superjuri, 5 ta' April, 2013), bis-sostenn ta' gurisprudenza antecedenti, inghad hekk: "*Gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna li biex tigi ffissata l-indoli ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun qed jigi mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. (ara Kollezz. Vol XXXVII pII p776, Vol XLV pII p652, Vol XI p401 u Vol X p926)*."

Hu wkoll principju stabbilit illi l-qorti hi marbuta bit-talba kif maghmula fir-rikors promotur. Dwar hekk inghad illi, "*il-funzjoni tat-tribunal, f'kawza partikolari, hi necessarjament limitata bit-termini tad-domanda"* (*Kollezz.* **Vol.XXXIII.II.55**). L-istess espressjonijiet ta' gudizzju gew abraccjati f'kawzi ricenti ghal zminijietna bhal per ezempju, *in re* **Godwin Azzopardi v. Paul Azzopardi**, (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003), *in re* **Maria Cini v. Lucia *sive* Lucy Saliba et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Gurisdizzjoni Superjuri, 25 ta' Jannar, 2008), *in re* **Alfred Mizzi et v. Warren Attard** (Prim'Awla, 8 ta' Marzu, 2012) u *in re* **Mark Anthony Farrugia et v. Xemxija Bay Prpoerty Holding Ltd** (Appell Superjuri, 14 ta' Dicembru, 2018). Agguntivament, "*il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni; u t-termini uzati f'atti gudizzjarji formali, bhal ma huma l-att tac-citazzjoni, ghandhom jittiehdu u jittiehdu biss fis-sens guridiku taghhom, u mhux fis-sens tal-lingwagg popolari ta' nies profani ghall-ligi; xort'ohra, il-konsegwenzi jkunu kaotici*" (**Alice Amato noe v. Vivian B. DeGray, M.V.O., M.B.E., noe et**, Appell Superjuri, 24 ta' Novembru, 1958 citata b'approvazzjoni fid-decizjoni *in re* **Hadrian Busietta noe v. Adrian Borg Cardona et**, Appell Superjuri, 6 ta' Ottubru, 2000[8]).

Ghalkemm huwa veru li hawnhekk m'ahniex quddiem il-qrati superjuri (fejn certa solennità hi rimpjazzata b'mizura ta' infomalità), l-importanza li tigi kristallizzata r-relazzjoni guridika bejn il-litigandi hi xorta wahda fundamentali. Stabbilit tali vinkolu, minnu wiehed jasal biex jikklassifika sewwa sew l-istanza taht istitut guridiku partikolari. Skopert liema istitut huwa attinenti ghal dak il-legam li jorbot lill-kontendenti, imbaghad

[8] Fiha inghad hekk: "*Huwa infatti principju inderogabbli tal-ligi procedurali illi meta tigi biex taghti decizjoni, il-Qorti ghandha obbligu li toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif mitluba fic-citazzjoni* " [sottolinear ta' dik il-Qorti].

johorgu u jinsiltu r-relattivi principji sostantivi-guridici applikabbli ghall-mertu fattwali. Dwar hekk, it-Tribunal odjern ma jistax jistahba wara l-fatt li huwa munit li jiddeciedi b'ekwità ghax l-ebda gustizzja ekwitattiva ma tista' tinjora l-kwezit tad-definizzjoni tat-tip ta' kontradittorju li jorbot lill-kontendenti. L-ekwità m'ghandhiex tigi kunsidrata jew interpretata bhala ghodda li takkorda lit-Tribunal jiddeciedi vertenza quddiemu b'leggerezza u 'l boghod mil-Ligi, hekk kif ripetutament asserit mill-Qorti t'Appell (sede inferjuri). Bhala ezempji, fost il-bosta, wiehed hu mistieden jara d-decizjonijiet ta' l-appena msemmija qorti *in re* **Elmo Insurance Limited noe v. Connie Grech et** (3 ta' Ottubru, 2007); **Maltacom plc v. Silvan Industries Limited et** (28 ta' Novembru, 2007); **Francois Spiteri v. Emanuel Cucciardi et** (27 ta' Frar, 2009); u **Charon sive Sharon Mizzi v. Direttur Generali tas-Sigurtà Socjali** (28 ta' Marzu, 2017).

Fil-kawza prezenti, l-attur qed jitlob li l-konvenut – inkarigat iwettaq xoghol fuq il-vettura tieghu – jigi dikjarat responsabbli ta' xoghol maghmul mhux skond l-arti u s-sengha u wkoll dikjarat hati li kkaguna xi hsarat fl-istess vettura waqt li kien qed jitwettaq tali xoghol. Ta' dan l-attur jippretendi li jigi rizarcit somma determinata, liema ammont jerga' jirrijintegra l-patrimonju lez tieghu (i.e., *restitutio in integrum*). Ghalhekk, l-istanza attrici tidher imsejsa fuq il-presuppost ta' l-inadempiment kontrattwali fid-doveri tal-konvenut *qua* persuna inkarigata twettaq mansjoni lavorattiva a beneficcju ta' l-attur. Tali inadempiment, skond l-attur, apparti li ta lok ghal xoghol hazin u anomalu (*viz*. ix-xoghol ta' zebgha fuq il-vettura ma taqbilx mal-bqija tal-kulur originali), wassal ukoll ghal xi danni fuq il-vettura (*viz*. fir-*radiator grille* u fil-*wheel arch*). Ghaldaqstant, dak il-vinkolu li jorbot liz-zewg kontendenti f'din il-kawza hu rapport kontrattwali. Tali klassifikazzjoni tar-rapport guridiku twassal ghall-applikazzjoni ta' certu principji legali u guridici attentinenti ghall-istitut ta' l-appalt li l-Kodici Civili jiklassifikah fix-xenarju ta' meta persuna tigi mqabda ghal xi xoghol, fejn jigi "*miftiehem li hu għandu jagħti biss ix-xogħol jew is-sengħa tiegħu, inkella li jagħti wkoll il-materjal*" (*ex* Art. 1633).

F'dan il-kaz, u bhala fatt, jinsab indiskuss li l-attur ikkummissjona u qabbad lill-konvenut biex dan ta' l-ahhar, bl-adoperu ta' l-esperjenza tieghu fil-qasam, tal-proprji mezzi artigjanali u teknici u anke tas-servizzi professjonali tieghu, jezegwixxi obligazzjoni billi jintraprendi u jwettaq opra a bazi ta' certu specifikazzjonijiet pattwiti bejn il-partijiet (i.e., xoghol ta' *spray* fuq certu bnadi tal-vettura ta' l-attur kommittent). Dan in-negozju interkorrenti bejn il-partijiet javvicina ruhu lejn l-appalt, li jista' jigi definit hekk: "*l'appalto è un contratto ad effetti non diciamo esclussivamente, ma certo prevalentemente obbligatori*" (DOMENICO RUBINO, "L'Appalto", UTET 1958, 3ª edizione; §13, p. 20). Jizdied jinghad illi, "*la principale obbligazione dell'appaltatore è un'obbligazione di fare (l'opera o il servizio)*" li tiddistingwi ruhha minn dik tal-venditur fil-bejgh, fejn "*la*

*principale obbligazione del venditore è una semplice obbligazione di consegnare (la cosa)*" (*ibid*., p. 21). Il-konvenut ma kienx obbligat li jaghti xi haga lill-attur izda li jaghmel xoghol fuq oggett u jirritornah lura lill-attur.

Il-fatt li l-attur jilmenta ukoll minn xi hsarat fil-vettura u jattribwihom lit-traskuragni tal-konvenut, ma jaghmilx l-istanza tieghu wahda primarjament ta' danni extra-kontrattwali. Anzi, tali danni jirrijentraw fil-kwadru primarju tar-rapport eminentement t'indoli kuntrattwali bejn il-partijiet *de quo*.[9]

Issa li gie stabbilit l-indoli tal-kontradittorju[10] li jorbot lill-partijiet (li minnu johorgu l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet, procedurali u anke sostantivi, tal-kontendenti), it-Tribunal jipprosegwi b'investigazzjoni dwar il-mertu tal-kaz.

Mill-provi mressqa mill-partijiet johorgu zewg verzjonijiet semplici, izda opposti. Fuq naha hemm it-tezi attrici li tikkontendi li x-xoghol maghmul mill-konvenut huwa insodisfacenti ghax iz-zebgha bi *spray* applikata fuq il-vettura tieghu ma taqbilx mal-bqija tal-kulur tal-vettura u li x-xoghol sar hazin u anke li sehhet hsara f'xi bnadi tal-vettura. Fuq in-naha l-ohra, l-konvenut jikkontendi li hu wettaq xoghol sew u li ma kien ikkaguna l-ebda dannu fuq l-istess vettura.

Tali 'semplicità' fiz-zewg estremi tal-kontradittorju tissarraf f''diffikultà' sabiex tinstab il-htija li l-parti attrici qed timpunta fuq il-konvenut, senjatament ghaliex parti qed tallega grajja filwaqt li l-parti l-ohra qed tirrifjuta b'mod assolut tali allegazzjonijiet u

---

[9] Hija utili u interessanti l-osservazzjoni mwettqa mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza *in re* **Arthur George Lambert et v. Anthony Buttigieg pro et noe et**[9] (18 ta' April, 1963; riportata f'*Kollezz.* **Vol. XLVII-II-1110**) ghal dak li jirrigwarda l-possibilità ta' responsabbilità extra-kontrattwali derivanti minn inadempjenza kontrattwali, liema sitwazzjoni tista' tirrizulta skond ic-cirkostanzi li jiccirkondaw il-kaz partikolari. L-imsemmija Qorti kienet affermat illi, "*ma hemm xejn inkompatibbli bejn responsabbilità kontrattwali u htija aquiliana. Kif gia din il-Qort kellha l-okkazjoni li tirrileva jista' jkun hemm delitt jew kwazi-delitt anke f'materja ta' obbligazzjonijiet konvenzjonali; f'liema ipotesi l-parti lesa jista' jkollha zewg azzjonijiet*." In aggjunta, jigi osservat ukoll li, "*m'hemm xejn hazin li diversi azzjonijiet, sakemm ma jkunux konfliggenti mà xulxin, jigu akkumulati f'kawza wahda. Ebda ligi ma tipprojbixxi l-kumulu ta' azzjonijiet, accettat anke mid-duttrina, barra minn xi kazi fejn ikun hemm dispozizzjonijiet espressi u kuntrarji, dak per ezempju li ma tistax tezercita l-azzjoni petitorja u possessorja flimkien, meta l-ezercizzju ta' wahda jeskludi l-ezercizzju ta' l-ohra*." (*Kollezz.* **Vol.XXIX-I-1087**) u fejn hu akkolt li, "*l-kumulu ta' domandi jista' jsir mill-attur kontra l-istess debitur konvenut ghal titoli differenti, anke fl-interess tal-konvenut* […] *infatti hu maghruf li domandi jistghu jigu kumulati biex jigu evitati gudizzji izjed milli hemm bzonn però dejjem kompatibilment mal-ezigenzi tal-kaz u meta dana l-kumulu ma jfissirx trattazzjoni differenti*" (*Kollezz.* **Vol.XLVIII-III-1379**).

[10] Il-**Foramiti** jiddefinixxi l-kontradittorju bhala "*tuttio ciò che si fa in presenza delle parti interessate* " ("Enciclopedia Legale" Vol: II, Napoli 1864; vuci: "contradittorio" p.392) filwaqt li **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p.344) jmur oltre u jikteb illi, "*il contradittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*."

cirkostanzi.[11] Meta dan ikun hekk, min hu tenut jiggudika ghandu jikkunsidra tali verzjonijiet b'kalibrazzjoni mal-provi mressqa mill-partijiet li ghandhom indole oggettiva. Kif jinghad fid-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **John Pace noe v. Kenward Cole noe** (Prim'Awla, 26 ta' Frar, 2001), *"Il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet konfliggjenti, ikollha tirreferi u toqghod mhux biss fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtijin mill-partijiet imma testendi l-indagni taghha fuq il-provi dokumentali u/jew indizjarji li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza*."[12] Inoltre, ta' min jissenjala d-decizjoni *in re* **Audrey Murphy et v. Mark Anthony Murphy** (Prim'Awla, 11 ta' Gunju, 2015) illi fiha inghad hekk: "*bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet*."[13]

Issa, fil-kaz prezenti l-fondament tal-legam bejn il-partijiet huwa l-appalt moghti lill-konvenut mill-attur sabiex dak ta' l-ewwel jaghmel xoghol ta' *spray* fuq il-vettura ta' dan ta' l-ahhar. L-attur ma qieghedx jilmenta li x-xoghol intier sehh hazin. Anzi, jikkoncedi li l-ilment tieghu huwa ristrett ghall-*bumpers* tal-karozza, kemm ta' quddiem u kif ukoll dak ta' wara (*vide* premessa nru. 3 fl-att promotur). Inoltre, l-attur jikkwerela lill-konvenut li kkaguna hsarat f'xi partijiet tal-vettura tieghu waqt li l-istess kien ghaddej b'xogholu.

---

[11] Tali diskordja bejn il-verzjonijiet giet sottolineata mid-difensuri tal-partijiet fit-trattazzjoni ta' l-gheluq fl-udjenza ta' l-4 ta' Ottubru, 2018, b'entrambi d-difensuri jenfasizzaw li l-verzjoni opposta/avversarja ma kinitx tenibbli (jew kredibbli) fl-isfond tal-grajja fattwali tal-kaz.

[12] Hekk kif inghad mill-Qrati taghna, "*fl-esperjenza forensika, f'kwazi kull process, ghal kull min jezamina l-provi bl-ahjar reqqa, ghandha temergi xi cirkostanza, jew xi serji ta' cirkostanzi, li tispikka fost il-matassa tal-provi u jkollha forza perswadenti qawwija, jekk mhux konklusiva, tal-kas*" (**Gio Maria Agius v. Giuseppe Agius et**, Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 1969; mhux pubblikata).

[13] Tali hsieb hu kondiviz fid-duttrina legali. L-awtur **GIORGIO BIANCHI** ("La Prova Civile", ed. CEDAM 2009; p.172) jghid illi, "*Le dichiarazioni pro sé hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*." Fuq l-istess binarji jikteb ukoll l-awtur Franciz **AUGUSTE SOURDAT** fi "Trattato Generale della Responsabilitá" (Napoli 1853; Vol.I, §347, p.428). L-awtur Amerikan **MARVIN E. FRANKEL** ("Partisan Justice", edizjoni Hill & Wang, 1978; p.75) jikteb hekk: "*Everyone is familiar by now with the phenomena of faulty observations, warped memory, and suggestibility leading to dubious accounts of events by the most honest of witnesses. We all tend more or less to see what we are disposed to see and to recall what it suits us to recall. It takes effort to surmount these inclinations. As a result, the attempt to reconstruct past events, the usual business of courtroom trials, is taxing under the best of conditions. Add the heat and smoke of controversy for high stakes and the task is regularly formidable.*" L-istess jinstab miktub mill-awtur Taljan **DOMENICO CARPONI-SCHITTAR** fl-opra "Dal Colloquio Informativo Al Controesame" (Giuffrè, ed. 2010; p.113 *et seq*) li ghalih it-Tribunal jaghmel referenza bla htiega ta' citazzjonijiet.

Tali danni jinsabu fix-xibka ta' quddiem u f'xi *plastic* ta' mad-dawra interna tar-rota ta' wara tan-naha tax-xellug. Implicitament, ghalhekk, l-attur qed jikkontendi li l-konvenut kiser id-doveri tieghu t'appalt ghax l-opra specifika li kellu jwettaq ma gietx maghmula skond id-dettami ta' l-ahjar arti u sengha (ghax il-prodott finali kien jimmanifesta anomalija fil-lewn tal-kulur applikat) u anke l'ghaliex l-oggett gie ritornat lura lis-sid kommittent b'deficjenzi (hsarat) li qabel ma kinux jezistu.

Huwa bil-wisq logiku illi jekk din il-htija (jew inadempjenza) ma tigix ammessa jew konfessata spontanjament, l-istess trid tigi investigata u determinata, preordinatament ghall-kundanna. Jikkonsegwi illi l-ezercizzju li ghandu jsehh minn dan it-Tribunal huwa, mhux biss li jaghti attenzjoni lill-allegazzjoni ta' l-attur imma wkoll lid-difiza tal-konvenut. Ezercizzju dan li t-Tribunal ghandu ta' bilfors jakkwizixxi mill-materjal probatorju offert mill-kontendenti jew dezunt mill-fatti tal-kaz u mic-cirkostanzi tal-grajja.[14]

Hi disposizzjoni espressa fil-Ligi taghna illi, "*Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni*" (*ex* Art. 1125 tal-Kodici Civili). Tali inadempjenza kontrattwali fl-ezekuzzjoni ta' parti lejn l-ohra tissarraf fir-rizarciment tad-danni, tant illi l-istess Ligi tikkontempla dan fl-ewwel parti ta' l-Art. 1129 u wkoll f'termini generici taht l-Art. 1133 tal-Kodici Civili. Dwar certu aspetti in tema ta' adempiment u ta' inadempiment ta' obbligazzjoni kuntrattwali, it-Tribunal jirreferi – dejjem sa fejn applikabbli u rilevanti ghal dan il-kaz – ghat-taghlim relattiv misjub fid-decizjoni tieghu *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** deciza fil-15 ta' Ottubru, 2018. Dwar certu aspetti in tema ta' appalt u tad-doveri ta' kommittent u ta' appaltatur – sa fejn dawn huma rilevanti ghal kaz prezenti – it-Tribunal jirreferi ghad-decizjoni tieghu *in re* **Charles Seisun v. Joseph Vancell et** deciza fit-2 ta' Lulju, 2018.

Izda f'tali cirkostanzi – u dejjem fin-nuqqas ta' norma espressa li tiddetta altrimenti – ma tezisti l-ebda presunzjoni *a priori* ta' htija jew ta' malezekuzzjoni t'obbligazzjoni rikadenti fuq l-appaltatur. Ghalhekk, l-inadempjenza allegata mill-kommittent (attur) fuq dak li presta l-opra jew is-servizz (konvenut) ghandha tigi ben individwata, ippruvata u determinata. Il-linja bazi f'azzjoni ghar-rizarciment ta' danni allagatament sofferti minhabba inadempjenza, ghandha, bhala regola, issegwi l-massimi ta' "*onus probandi*

[14] Jinsab ritenut illi,"*nel processo civile vige il così detto principio dispositivo in conseguenza del quale il giudice decide esclusivamente in base alle prove fornite in giudizio dalle parti*." (*cfr*. **Francesco Gazzoni**, "Manuale di Diritto Privato", XI ed., 2004; p.102). Skond l-awtur **Aurelio Scardaccione** ("Le Prove", UTET 1965; §3, p.8), "*il giudice nella formazione o preparazione del materiale, che a lui occorre per pervenire alla decisione della controversia, sceglie i fatti su cui giudicare e, nell'operare tale scelta, si avvale solo dell'attività probatoria svolta dalle parti nell'ambito del processo*." Thaddin ta' dan it-taghlim dottrinali insibuh fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005) u *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia** (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009).

*incumbit ei qui dicit, non ei qui negat*" u "*affirmanti incumbit probatio*", kif kodifikati u rakkjuzi fl-Art. 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-principju baziku konsagrat fl-imsemmi Art. 562, jimporta illi d-decizjoni emessa tkun mehuda unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet pruvati, cioè mic-cirkostanzi fattwali u guridici dedotti in fondament ghad-domanda jew ta' l-eccezzjoni, u dejjem mehuda in bazi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Tali norma hija ntiza biex tassigura d-debitu rispett tal-principji fundamentali tal-kontradittorju, u timpedixxi li parti tissubixxi decizjoni bazata fuq fatti ghaliha injoti jew skonoxxuti in relazzjoni ta' liema l-istess parti ma setghetx tiddefendi ruhha jew tesprimi opinjoni jew sottomissjoni dwarhom. Il-principju tad-disponibilità tal-provi ghandu jkun intiz bhala vinkolu ghall-gudikant fl-accertament tal-fatti mressqa mill-kontendenti, fis-sens illi jekk il-partijiet ma joffrux provi diretti ghal tali accertament, il-gudikant ma jistax – fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament – jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja ghall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Huwa ghalhekk li l-ordinament guridiku ihaddan massimi Latini[15] bhal "*quod non est in actis non est in mundo*",[16] "*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*"[17] u "*non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii*".[18] Tali massimi huma riflessi u abbraccjati fid-decizjonijiet, fost ohra, *in re* **Carmelo Zammit v. Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp** (Qorti Kummercjali, 10 ta' April, 1995) u *in re* **Michael Debono et v. Joseph Zammit et** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2010). In kongunta ma' din l-ahhar asserzjoni, hu rilevanti dak affermat minn, **Carlo Lessona** ("Trattato Delle Prove in Materia Civile", UTET 1927; Vol.I, §45, p.59) illi jasserixxi li, "*la scienza personale del giudice, da lui già posseduta od acquistata stragiudizialmente intorno ai fatti sui quali si controverte non è legittima fonte di prova, perchè la legge non la contempla; perchè anzi, pel sistema della legge, il giudice non conosce i fatti se non quali glie li presentano le parti*." Dan hu hekk precizament ghax, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla*

---

[15] Referenza ghal massimi u precetti derivanti mid-Dritt Ruman sehhew ghax, kif mghadud fid-decizjoni *in re* **Dr. Giovanni Messina ed altri v. Com. Giuseppe Galea ed altri** (Prim'Awla, 5 ta' Jannar, 1881 – Decizjoni N° 122 riportata f'*Kollez*. Vol. IX–308), il-Ligi Rumana kienet, u ghadha, l-"ius comune" (ligi komuni) ta' Malta u "*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*". Bhala ezempju fejn saret referenza ghal u applikazzjoni tal-principji mid-Dritt Ruman, ara, *inter alia*, **Vincent Curmi noe v. Onor. Prim'Ministru et noe et** (Qorti Kostituzzjonali, 1 ta' Frar, 2008); **John Patrick Hayman et v. Edmond Espedito Mugliett et** (Appell Superjuri, 26 ta' Gunju, 2009); **Anthony Caruana & Sons Limited v. Christopher Caruana** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 2014); **Coleiro Brothers Limited v. Karmenu Sciberras et** (Prim'Awla, 13 ta' Frar, 2014); u **Sebastian Vella et v. Charles Curmi** (Appell Superjrui, 28 ta' Frar, 2014).

[16] *traduz*.: dak li mhux ezebit fl-atti processwali, ma jezistix ghall-gudikant.

[17] *traduz*.: skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant.

[18] *traduz*.: mhux dak li jaf personalment il-gudikant, izda dak li hu importanti huwa li l-fatt ikun imressaq u imwassal lil min hu tenut jiggudika f'forma u f'manjiera ta' evidenza.

*deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona* " (*cfr*. **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM 2007; p.269). Riflessjoni ta' dan it-taghlim dottrinali jinsab fid-decizjoni domestici *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005);[19] *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia** (Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009);[20] u *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et** (Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010),[21] fost diversi ohrajn.

Tradott fi kliem iehor, kien obbligu ta' l-attur li juri, sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-imputazzjonijiet tieghu jirrikadu fuq l-konvenut mixli li kkaguna xoghol hazin u hsarat kif allegat. F'dan is-sens, il-konvenut m'ghandu l-ebda obbligu li juri l-innocenza tieghu jew li agixxa bi prudenza u dan l'ghaliex, l-ewwel, il-pendolu tal-htija jrid joxxilla lejh biex hu jattiva ruhu halli jiggustifika ghemilu.[22] Fin-nuqqas, hu jista' jibqa' sieket sakemm l-avversarju (l-attur) juri l-impronta tal-htija tieghu (tal-konvenut).[23] L-attur, allura, ghandu l-piz li jipprova l-ipotezi ta' htija (f'dan il-kaz, inadempjenza, xoghol maghmul hazin u hsara) minnu avvanzata u li jikkonkretizzaha bil-produzzjoni ta' provi idoneji. Ir-rwol ta' min jallega l-htija ma jistax jigi limitat ghas-semplici allegazzjoni li sar dannu minghajr

---

[19] "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*."

[20] "*it-Tribunal ghal dawk li huma l-fatti li fuqhom irid jiddeciedi, jridu jirrizultaw mill-atti u l-gudikant ma jistax juza jew jaghmel riferiment ghal fatti, anke jekk huwa personalment ikun jaf bihom, jekk dawn ma jirrizultawx mill-atti tal-kawza*."

[21] "[min hu tenut jiggudika ghandu] *jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb ghab-bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova* konvincenti."

[22] Fid-decizjoni *in re* **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil** (Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2010) il-Qorti sostniet hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu*." L-istess sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili *in re* **Philip Grima v. Chris Grech** (28 ta' Jannar, 2010) u cioè li, "*l-piz tal-prova li ghandu l-intimat biex isostni d-difiza tieghu tinsorgi ladarba ir-rikorrent min-naha tieghu ikun gab il-prova ta' fatt jew fatti li jsostnu t-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas ta' prova tac-cirkostanzi dedotti mill-intimat biex jikkumbatti l-pretensjoni tar-rikorrent ma tiddispensax lir-rikorrent mill-oneru li adegwatament u skond il-ligi jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-mertu tal-pretensjoni tieghu li dwarha qed jitlob rimedju mill-Qorti*."

[23] Il-Prim'Awla fil-kaz *in re* **Mary Debono et v. Concetta Scerri et** (30 ta' Settembru, 2010) qalet li, "*Bhala punt ta' dritt, il-piz tal-prova fil-mertu huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa' assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva*."

ma dan (id-dannu) jigi rikollegat ghal xi ghemil tal-prezunt danneggjant u minghajr ma tigi pruvata l-kondotta mankanti jew is-sors li allegatament ikkagunah. Certament, min hu tenut jiggudika dwar il-fatti tal-kaz, ma jistax jikkolma lakuni mhollija inkomolmati minn min kien tenut jindirizzahom. Lanqas ma jista dan it-Tribunal jipprezumi fatti li ma jsibux l-libsa tal-konkret fl-atti processwali.

Spjanat dan it-terren introduttiv, harsa lejn il-kaz konkret, u l-provi li jsawwruh, juri dan ix-xenarju probatorju:

**(i)** Skond l-attur,[24] wara li kien involut f'incident stradali, kien jehtieg li jirripara l-vettura tieghu tal-ghamla 'Ford Fiesta' ta' lewn griz *metallic* bin-numru ta' registrazzjoni ACB-786. Hu kien jaf lill-konvenut u allura hadha ghandu. Il-vettura kellha bzonn kemm ta' xoghol ta' *panel beating* u kif ukoll ta' *spray*. F'din il-kawza l-attur ma qieghedx jilmenta mix-xoghol kollu mwettaq mill-konvenut izda primarjament minn xi xoghol ta' *spray* fuq certu bnadi tal-vettura, ossia fuq il-*bumper* ta' quddiem u dak ta' wara. Hu jghid li, "*Partijiet ta' tali xoghol jirriflettu u juru illi l-kulur ma jaqbilx mal-kulur originali tal-vettura, u wkoll kien hemm partijiet fejn l-ispray ikkrekja*."[25] Izid jghid li, "*Apparti dan kollu, kien hemm ukoll xi hsarat li fil-fehma tieghi wettaqhom il-konvenut*."[26] Meta l-attur ha l-vettura tieghu minghand il-konvenut u stess jghid li, "*Dakinhar stess wara li pparkjajtha quddiem il-bieb tad-dar, jiena mall-ewwel skoprejt dawn id-diskrepanzi fil-kulur u hsarat li ghadni kemm infisser*."[27] L-attur mar ghand il-konvenut u infurmah b'dan kollu u l-attur jghid li l-konvenut kien gharrfu li kien dispost izommlu l-vettura u jirrangalu izda meta beda' jghaddi z-zmien u t-tiswija (fis-sens ta' rettifikazzjoni) qatt ma sehhet, l-attur ghadda biex ressaq il-prezenti proceduri.[28]

**(ii)** L-attur ezebixxa s-segwenti dokumenti in sostenn tal-pretiza tieghu:

- hames (5) fotografji li juru fejn, fil-fehma tieghu, hemm anomaliji fil-lewn taz-zebgha (*spray*) bejn dik maghmula mill-konvenut u dik originali tal-vettura, roqgha fuq il-*bumper* ta' wara fejn iz-zebgha inqasmet, fejn jidher parti tar-*radiator grille* maqsuma u danni fil-*plastic* ta' gewwa l-*arch wheel*;[29]

---

[24] Xhieda in ezami fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2017 (*a foll.* 34–35).
[25] *a fol.* 34.
[26] *a fol.* 35.
[27] *a fol.* 35.
[28] *a fol.* 35.
[29] *a foll.* 2–6 (ritratti annessi ma' l-Avviz tat-Talba.)

- stima fl-ammont ta' €180.00c li tirrigwarda estimu kemm jigi x-xoghol ta' *spray* biex tigi rettifikata s-sitwazzjoni tal-*bumper* ta' quddiem u dak ta' wara;[30]
- *business card* ta' garaxx ta' kiri ta' vetturi li fuq wara taghha hemm miktub bl-idejn «€18 per Day»;[31]
- stima fl-ammont ta' €112.86c biex tigi mixtrija *grille radiator* biex tissostitwixxi dik danneggjata[32] u stima ohra fl-ammont ta' €180.34c biex tigi riparata l-hsara fil-*panel*.[33]

**(iii)** L-attur ipproducja lil Carmel *sive* Charles Farrugia (rapprezentant ta' Gasan Zammit Motors Limited) li xehed dwar il-*parts* riflessi fl-istimi fl-ammont ta' €112.86c u ta' €180.34c msemmija aktar qabel. Sostna li dawn l-istimi gew mahruga fuq talba ta' l-attur u li tali stimi jitkellmu dwar *parts* godda u mhux *second hand*;[34]

**(iv)** L-attur producja wkoll lil Clayton Saliba (in rapprezentanza ta' JK Car Rentals) li xehed dwar ir-rati li generalment jinzammu ghall-kiri ta' vettura alternattiva, cioè €15.00c[35] ghal kull gurnata. Sostna li tali rati jafu jvarjaw dipendenti mit-tip ta' vettura (fis-sens ta' mudell jew ghamla partikolari) moghtija b'kiri u skond l-istagun tas-sena li fiha tinkera tali vettura, u cioè bejn l-istagun xitwi u dak sajfi. Qal li fl-istagun tas-sajf ir-rata tkun ghola minhabba d-domanda li jkun hemm ghall-kiri ta' vetturi;[36]

**(v)** L-attur ressaq bhala xhud lil Mario Zerafa li kien hareg l-istima fl-ammont ta' €180.00c rigwardanti xoghol riparatorju ta' *spray* fuq il-vettura ta' l-attur. Jghid li tali ammont kwotat lill-attur jikkomprendi kemm xoghol ta' materjal u kif ukoll ta' l-id fuq iz-zewg *bumpers* tal-vettura. L-involviment tieghu fil-kwistjoni kien semplici li johrog tali stima lill-attur u hu qatt ma wettaq xoghol fuq il-vettura in kwistjoni tant illi sostna jghid li, "*Ma nafx nghid jekk fuq il-vettura kienx sar xi xoghol iehor relattiv ta' sprej; jiena nghid li din kienet l-ewwel darba u l-unika*

[30] *a fol*. 7.
[31] Din hija mehmuza *a tergo* ta' *fol*. 7.
[32] *a fol*. 8 (ri-ezebita *a fol*. 37).
[33] *a fol*. 9 (ri-ezebita *a fol*. 38).
[34] Xhieda tieghu fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2017 *a fol*. 36.
[35] Cifra li hi €3.00c anqas minn dik indikata *a tergo* tal-*business card* tan-negozju tieghu, mehmuza fuq wara ta' *fol*. 7.
[36] Xhieda tieghu fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2017 *a fol*. 39.

*darba li kkonstatajt il-vettura in kwistjoni. Minix f'posizzjoni nghid x'gara qabel dwar din il-vettura ghand sprayers ohrajn, jekk sarx sprej o meno*";[37]

**(vi)** Kemm l-attur u kif ukoll ix-xhieda minnu mressqa ma gewx kontro-ezaminat mill-konvenut.[38] Dwar tali punt it-Tribunal ser jirrimarka aktar 'l quddiem f'din id-decizjoni;

**(vii)** In ezami,[39] il-konvenut jinnarra li ilu jahdem is-sengha (fuq bazi *part-time*) ta' *panel beater* u *sprayer* ghal dawn l-ahhar madwar hamsa u ghoxrin sena. Jghid li l-attur, gar ta' fejn toqghod ommu, kien mar ghandu biex isewwi l-vettura tieghu ghax kellha xi daqqiet fuqha u talbu biex itellalu tali daqqiet u jwettaq xoghol ta' *spray* fuqha. Sostna li inizjalment il-hsarat fuq il-vettura kienu ser jigu riparati mill-assigurazzjoni ta' l-attur u li fil-fatt kien hemm involut is-*surveyor* relattiv li hejja *survey report* dwar il-qaghda tal-vettura ta' l-attur wara l-incident li kellha u ha xi ritratti tal-hsarat riportati fuqha. L-assigurazzjoni ta' l-attur kienet wettqet *cash settlement* ma' l-attur u sessegwentement l-attur ha l-vettura ghand il-konvenut ghat-tiswija biex tigi riparata skond is-*survey report*. Il-konvenut kien ser jahdimlu ghac-cifra ta' €450.00c. Il-konvenut jghid li hu hadem fuq il-*bumper* ta' wara, fuq it-*tail-gate* u fuq ir-*right rear wing* u li, inoltre, l-attur kien tah struzzjonijiet addizzjonali biex jahdem xoghol ta' *spray* fuq il-*bumper* ta' quddiem. Ghalkemm dan ix-xoghol imsemmi l-ahhar ma kienx kopert bis-*survey report* il-konvenut xorta wahda ddecieda li jwettaq ix-xoghol ghall-prezz imsemmi ta' €450.00c. Il-konvenut hadem fuq il-vettura ghal hamest ijiem qabel ma gie l-attur jigbor il-vettura minghandu. L-attur, jghid il-konvenut, ha l-vettura bla ma wettaq ebda spezzjoni fuqha. Dakinhar tat-tehid tal-vettura l-attur ma kienx hallas izda eventwalment l-attur kien halla l-flus ma' missier il-konvenut. Dakinhar ta' tali hlas, il-konvenut hareg mid-dar u sab lill-attur jistennieh fejn qallu li l-i*spray* fuq il-vettura ma kienx jaqbel mal-bqija tal-lewn originali (tal-fabbrika) ta' l-istess. Il-konvenut isostni li ra l-vettura u fil-fehma tieghu x-xoghol kien tajjeb u ma kienx hemm anomaliji jew differenzi bejn il-kulur ta' l-i*spray* minnu maghmul u l-bqija tal-kulur tal-fabbrika tal-vettura. Il-konvenut kien offra li hu jerga' jaghmillu xoghol ta' *spray* fuq il-*bumper* ta' quddiem u l-attur kien accetta. Ghal tali ghan il-partijiet kienu ftehmu li l-attur jerga' jehodlu l-vettura l-gimgha ta' wara u, fil-fatt, hekk kien sar. Meta hadlu l-vettura l-konvenut innota ghafsa/daqqa gdida fuq il-*mudguard* ta' wara tan-naha tal-lemin (fejn kien gja wettaq xoghol ta' *spray* fl-okkazzjoni precedenti). Il-partijiet kienu ftehmu li l-

[37] Xhieda tieghu fl-udjenza tad-9 ta' Frar, 2018 *a fol*. 44.
[38] Il-kontro-ezamijiet relattivi gew ilkoll rizervati, izda qatt ma sehh l-interrogatorju relattiv mill-konvenut.
[39] Xhieda in ezami fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2018 (*a foll*. 46–49).

konvenut itella' tali ghafsa/daqqa izda ghal dak il-mument – biex l-attur ma jdumx sprovvist mill-vettura – qablu li l-konvenut jaghmel biss xoghol ta' *spray* tal-*bumper* ta' quddiem u f'mument sussegwenti l-attur jerga' jehodlu l-vettura biex tittella tali ghafsa/daqqa fuq il-*mudguard*. Sakemm il-konvenut rega' hadem fuq il-vettura ta' l-attur, il-konvenut kien hallas minn butu karozza tal-kiri ghall-attur. Meta l-attur mar jigbor il-vettura minghand il-konvenut, l-attur kien spezzjona l-vettura fid-dawl tax-xemx u x-xoghol kien ghogbu u ma kellu l-ebda ilment. Dakinhar l-attur staqsa lill-konvenut meta kien ser jerga' jaghtih il-vettura biex tittella l-ghafsa/d-daqqa fuq il-*mudguard*. Il-konvenut spjega li nelfrattemp hu kien gja' tella d-daqqa fuq il-*mudguard* izda kien halliha mhux mizbugha bi *spray*. Sussegwentement, l-attur ha l-vettura ghal darb'ohra ghand il-konvenut minhabba l-kwistjoni tal-*mudguard* izda peress li kien hadhielu lejn nofsinhar, u mhux filghodu kif mifthiem, il-konvenut gharraf lill-attur li ma setax izommha ghax ma kienx ser ilahhaqha sa filghaxija. Allura kienu ftiehmu li jsir xoghol fuqha matul il-gimgha u mhux fil-*weekend*, izda l-konvenut kellu l-ewwel japplika ghal-*leave* mix-xoghol primarju tieghu. Ghalkemm applika, il-*leave* relattiv ma giex koncess lill-konvenut. Ghalhekk, meta l-attur mar ghand il-konvenut bil-vettura u l-konvenut infurmah li ma kellux cans (ghax ma inghatax *leave* mid-datur tax-xoghol), l-attur issuppervja u wara li l-konvenut prova jikkuntattjah bit-telefon, izda baqa' bla twegiba, il-konvenut imbaghad ircieva l-karti mill-Qorti (i.e., dawn il-proceduri). Il-konvenut – biex jilqa' ghal tali proceduri gudizzjarji – ikompli jghid li hu kien ha numru ta' fotografiji tal-vettura ta' l-attur u fuqhom immarka numru ta' daqqiet sparsi fuq il-vettura kollha. Hu ezebixxa tali fotografiji. Dwar il-hsarat fix-xibka ta' quddiem (*radiator grille*) il-konvenut jghid li tali hsarat qatt ma sema' bihom qabel l-ittra legali li hu kien ircieva mil-legali ta' l-attur. Jghid li fis-*survey report* jidher li x-xibka kienet gja' miksura u jikkontendi li f'xogholu hu qatt ma kien miss tali xibka peress li ma kienx hemm htiega li hu jaqlaha minn postha izda semplicement ghattiha bil-*masking tape*. Dwar l-allegati hsarat fil-*wheel arch*, il-konvenut itenni jghid l-istess haga dwar ix-xibka.

**(viii)** Il-konvenut ezebixxa *survey report*[40] u ritratti annessi mieghu[41] u erbgha (4) fotografiji[42] mehuda minnu tal-vettura ta' l-attur wara li sar jaf li l-attur fetah dawn il-proceduri kontrih;

**(ix)** In kontro-ezami, il-konvenut qal li hu ghamel xoghol fuq il-*bumper* ta' quddiem u ta' wara, ossia "*bl-insurance kien hemm il-parti ta' wara, tailgate ta' wara,*

[40] Ezebit *a fol*. 50.
[41] Ezebiti *a foll*. 51–60.
[42] Ezebiti *a foll*. 61–64.

*bumper ta' wara, faccata ta' wara, u right-rear wing biex nifthemu*."[43] Hu jghid li gab kopja tas-*survey report* fuq il-vettura il-kwistjoni wara l-ftuh ta' dawn il-proceduri. Jghid li kellu jwettaq xoghol fuq il-*bumper* ta' wara u xi xoghol fuq dak ta' quddiem, u cioè fil-parti ta' isfel tieghu biss fejn kien hemm xi grif. Sostna li kienu darbtejn li hadem fuq il-vettura ta' l-attur. Jghid li l-attur kien esprima dubju dwar il-kulur wara l-ewwel okkazzjoni u allura hu kien iddecieda jerga' jaghmel xi xoghlijiet ta' *spray* fuq il-vettura. Hu jghid li uza l-istess landa taz-zebgha u li n-numru tal-kulur gabu minn fuq il-vettura stess. Fuq il-*bumper* ta' quddiem il-konvenut ma wettaqx spray kullimkien izda ghamel *blending* minn taht ghal fuq u li hu kien informa b'dan lill-attur. Fost affarijiet ohra hu sostna, "*Jiena li ma nistax nifhem, kif it-tailgate tajjeb il-kulur, il-mudguard kien tajjeb il-kulur, u l-bumpers hziena l-kuluri*."[44] Sostna, fuq domanda tat-Tribunal, illi l-fatt li karozza tkun ipparkjata barra u li taghmel numru ta' snin fit-toroq, il-kulur originali taghha jaf jinbidel (fis-sens li jiccara). Rega' sostna li l-attur kellu jmur ghat-tielet darba ghandu dwar l-ghafsa/daqqa fil-*mudguard*. Il-konvenut jsostni jghid li hu ma qalax ix-xibka ta' quddiem tal-vettura ghax ma kellux htiega jaghmel dan peress li kellu jahdem fuq in-naha t'isfel nett tal-*bumper* ta' quddiem.

Dan huwa l-materjal probatorju mressaq ghall-iskrutinju u evalwazzjoni ta' dan it-Tribunal.[45] Minnu, il-parti attrici trid is-sejbien tal-htija tal-konvenut u l-eventwali kundanna tieghu ghall-hlas relattiv u minnu wkoll il-konvenut jiggustifika l-operat tieghu. Issa tali fatti jridu jigu mwiezna *a se stante* u kalibrati fid-dawl tal-principji precedentement imfissra f'din id-decizjoni.

Minn tali ezercizzju evalwattiv u ta' kalibrazzjoni, dan it-Tribunal isibha alkwantu difficli jimputa l-htija li jippretendi l-attur u dan fid-dawl ta' l-iskarsezza oggettiva (jew sostantiva) tal-provi in materja minnu forniti lit-Tribunal.

Kif rilevat *supra*, f'kawza bhal din l-attur irid jipprova li l-konvenut kien inadempjenti fl-opra proprja u juri d-difett fis-servizz moghti jew fix-xoghol kummissjonat. It-Tribunal mill-ewwel jirrimarka illi hlief l-allegazzjonijiet attrici, m'hemm xejn x'juri dak allegat mill-attur. Minn ezami tal-provi – u salv ghal certu kwalfiki li ser jissemmew – it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut wera xi nuqqas fl-operat tieghu jew li kien huwa illi kkaguna l-hsarat fil-vettura ta' l-attur.

[43] Ara *a fol*. 68.
[44] Ara *a fol*. 72.
[45] Il-provi attrici gew maghluqa fl-udjenza tad-9 ta' Marzu, 2018 (*a fol*. 45) filwaqt li dawk tal-konvenut gew konkluzi fl-udjenza tad-19 ta' April, 2018 (*a fol*. 65).

Ghal dak li jirrigwarda l-allegati hsarat riportati fil-vettura, it-Tribunal ghandu dan xi jghid. Ma hemm xejn li jindika b'manjiera sobrija, konkreta u oggettiva li l-hsarat fir-*radiator grille* u f'dik il-bicca *plastic* ta' l-*arch wheel* (naha ta' wara, naha tax-xellug/passiggier) sehhew mill-konvenut. Dawn setghu kienu pre-ezistenti ghall-appalt u l-istess setghu sehhew *post facto* l-hidma tal-konvenut. Peress li kien sehh incident qabel ma l-attur ha l-vettura tieghu ghand il-konvenut, il-hsarat jistghu jkunu rizultat ta' tali incident (u setghu ma kinux). Is-*surveyor* li hejja s-*survey report* li gie ezebit in atti kien ikun xhud utili ghall-attur ghax seta' jitfa aktar dawl fuq dan l-aspett tal-kwistjoni. Izda dan ma giex imsejjah biex jixhed.

Hemm diversi ipotezijiet kif tali danni setghu saru u kien proprju obbligu ta' l-attur li jindividwa dik l-ipotezi konkreta li twassal ghall-allegat ghemil inkonsult tal-konvenut. It-Tribunal ma jistax jipprezumi li l-istess hsarat gew ikkagunati mill-konvenut sempliciment ghax l-attur jallega hekk jew ghax il-vettura kienet ghamlet xi zmien ghand il-konvenut.[46] In-ness bejn l-imsemmija hsarat (*radiator grille* u bicca *plastic* fl-*arch wheel*) u l-agir tal-konvenut m'huwiex daqstant car daqs kemm ipingieh l-attur. Tali ness hu mizghud b'diversi kontingenzi u numru ta' probabilitajiet li ma jikkonvincux moralment lit-Tribunal li jasal jikkollegahom direttament (jew awtomatikament) mal-operat tal-konvenut.[47]

Kien dmir ta' min qed jallega tali ness (i.e., l-parti attrici) li jwassal tali rabta (bejn hsara u ghemil) f'forma aktar konkreta sabiex il-mizien tal-probabilità ixaqleb lejn l-allegazzjoni promossa mill-parti attrici u 'l boghod mir-rifjut taghha kif sostnut mill-parti mharrka. Hekk kif inghad minn dan it-Tribunal *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (Euopean Small Claims Tribunal, 21 ta' Marzu, 2018), «*the plaintiff must prove his claim on 'preponderance of the evidence', also known as 'balance of probabilities'. This standard is met if the proposition is more likely to be true rather than not true. The standard is satisfied if there is greater chance that the proposition*

[46] Hawnhekk, bla htiega ta' citazzjonijiet, it-Tribunal jirreferi ghad-decizjoni tieghu *in re* **Charles Schembri v. Jean Schembri** moghtija llum dwar il-verità reali u l-verità processwali.

[47] Hu maghruf, sew dottrinalment u sew fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, illi biex ikun hemm lok ghad-danni hu imprexxindibilment mehtieg li jkun hemm ness ezjologiku ta' kawzalità bejn il-fatt kolpuz u l-konsegwenza dannuza (ara, fost numerevoli, **Martin Paul Vella et v. Chris Micallef**, Appell Inferjuri, 6 ta' Ottubru, 2010; **Charles Gauci et v. Maria Borg Mizzi et noe**, Prim'Awla, 25 ta' Novembru, 2004; **Francis Busuttil v. Sammy Meliaq nomine**, Prim'Awla, 9 ta' Dicembru, 2002; u **Dottor Herbert Lenicker v. Joseph Camilleri**, Prim'Awla, 31 ta' Mejju, 1972 *per* Imh. Riccardo Farrugia). Id-duttrina tghid li, "*elemento indispensabile per l'affermazione della responsabilità è costituito dal c.d. «nesso di casualità»: ossia il danno deve essere stato cagionato dal soggetto dal quale si pretende di essere risarciti, la sua condotta deve essere stata causa dell'evento pregudizievole.*" (**ANDREA TORRENTE** u **PIERO SCHLESINGER**, "Manuale di Diritto Privato", 17ª ed., Giuffrè, 2004; §425 p. 661).

*submitted by a party (and backed-up by sound evidence) is true rather than false. Lord Denning J., in the case of «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), described it simply as "more probable than not."*[48] *Also interesting is the assertion by Lord Hoffman J. In the case of «Re B» ([2008] UKHL 35) wherein there was stated thus: "If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened."*[49] *From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company.*» B'zieda ma' dan, u hekk kif jghid l-awtur **DOMENICO CARPONI SCHITTAR** ("Esame e Controesame", Giuffrè 2012; p. 19) dwar l-iskarikar ta' l-oneru probatorju, "*vince chi è in gardo di fornire una prova che ci si contenta risulti dotata di un maggior grado percentuale di probabilità*."

---

[48] Il-frazi kompleta ta' Lord Denning J. kienet din: "*If the evidence is such that the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not*."

[49] It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-*fons* tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti **PAOLO DE BONO** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u noltre illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: «*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso*.» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza *in re* **Lawrence *sive* Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela** (Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("*Modern Law of Evidence*", 2nd edition) u l-opra intitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri *in re* **Michael Agus v. Rita Caruana** (Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata mà produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha.

Ezaminati l-provi fl-interità taghhom, it-Tribunal ma jarax kif mill-istess l-attur irnexxielu jxaqleb il-mizien favurih dwar l-allegati danni u, ghalhekk, id-dubju ghandu jmur favur il-konvenut ghax *"actore non probante, reus absolvitur*".

Ghal dak li jirrigwarda l-allegati anomaliji fil-kulur taz-zebgha, it-Tribunal ghandu dan x'josserva.  Salv ghal certu rimarki u kwalifici li ser jitwettqu aktar 'l isfel, l-istess jista' jinghad dwar l-ilment generali ta' l-attur dwar l-allegazzjoni tieghu li x-xoghol ta' zebgha (*spray*) fuq il-vettura ad opra tal-konvenut sehh hazin u mhux skond is-sengha u l-arti u cioè li l-attur ma lahaqx il-grad probatorju rikjest f'kawza bhal din.

Mehuda flimkien, u anke singolarment, il-provi forniti mill-attur m'ghandhomx is-sustanza necessarja u valur oggettiv li juru sewwasew l-anomalija fix-xoghol maghmul mill-konvenut kif pretiz mill-attur.  Ghalkemm l-attur ressaq numru ta' xhieda, l-ebda wiehed minnhom ma ddepona dwar ix-xoghol maghmul mill-konvenut u l-ebda wiehed minnhom ma qal li spezzjona tali xoghol biex jara difetti jew inezattezzi t'ezekuzzjoni ghal dak li jikkoncerna jekk il-lewn jaqbilx mal-bqija tal-kulur tal-vettura jew le. Kien ikun siewi ghall-attur li kieku l-attur ressaq xhud, espert fil-qasam, li ddepona dwar tali aspett tal-kwistjoni biex it-Tribunal ikollu gharfien ahjar.  Ix-xhud Mario Zerafa joqrob ghal tali xhud, izda dan tkellem solament dwar il-prezz tax-xoghol sabiex hu jerga' jizboh mill-gdid il-*bumpers* tal-vettura ta' l-attur u ma sostna xejn dwar in-natura tax-xoghol maghmul fuq l-istess da parti tal-konvenut.  Ghalhekk, ix-xhieda ta' Zerafa ma tistax tittiehed bhala prova *a se stante* indikanti li x-xoghol imwettaq fuq iz-zewg *bumpers* kien hazin jew mhux skond l-arti u s-sengha.

Ghal dak li jikkoncerna din l-allegata diskrepanza fil-lewn taz-zebgha mpoggija mill-konvenut a konfront ta' dik originali tal-fabbrika tal-vettura, ir-ritratti ezebiti mill-attur ma jistghux jittiehdu bhala prova implicitament indikanti l-anomalija fil-kulur.  F'uhud mir-ritratti t-Tribunal ma jirravvizax dik id-diskepanza fil-kulur kif jippretendi u kif jallega l-attur.[50] F'tali ritratti it-Tribunal ma jistax jara kif il-kulur impoggi mill-konvenut huwa divers mill-kulur originali tal-vettura.  Ghalkemm f'wiehed mir-ritratti minnu ezebiti *prima facie* tidher divergenza bejn fejn jispicca l-*bumper* (ta' quddiem) u l-*mudguard* (tan-naha tas-sewwieq),[51] l-istess differenza fil-lewn taf tkun dovuta ghad-dawl jew ghad-dellijiet jew ghar-riflessjonijiet rikadenti fuq l-oggett u mhux ghax fil-verità hemm avarija fil-lewn.  Sommati kollha flimkien, dawn ir-ritratti ma jinklinawx lit-Tribunal jemmen li hemm differenzi fil-kulur kif qed jara u kif qed jippretendi l-attur.

[50] Ara fotografiji *a fol*. 3 u *a fol*. 6.
[51] Ara fotografija *a fol*. 2.

Nonostanti dak appena mghadud, l-attur ezebixxa ritratt iehor li juri car u tond li x-xoghol ta' zebgha fuq il-*bumper* ta' wara inqasam.[52] Tali ritratt, *a se stante*, juri li l-i*spray* fuq parti zghira tal-*bumper* ta' wara huwa maqsum. Dan jista' jkun dovut ghat-tahlita hazina taz-zebgha fuq il-wicc f'dik iz-zona tal-*bumper* jew inkella ghax iz-zebgha sottostanti (l' hekk imsejha "*undercoat paint*") ma kinitx ghadha nixfet kompletament qabel ma inghatat iz-zebgha "*metallic grey*" fuqha (u allura jkollok sitwazzjoni fejn iz-zebgha *metallic* ta' fuq tinqasam waqt li dik *undercoat* sottostanti tkun ghadha qed tinxef u tghaqad). Dawn huma solament ipotezijiet li qed iwettaq it-Tribunal ta' x'seta' gara' biex inqasmet iz-zebgha kif muri f'tali ritratt. Izda, hi x'inhi r-raguni wara tali qsim, l-istess ritratt juri li xoghol tal-konvenut, f'din iz-zona, ma sarx sew l'ghaliex wiehed ma jistenniex li xoghol ta' *spray* appena maghmul jimmanifesta tali qsim. Hawnhekk, l-attur ghandu ragun jilmenta mix-xoghol tal-konvenut.

F'dan ir-rigward, ghalkemm mhux dwar l-allegazzjonijiet kollha, it-Tribunal jemmen li l-attur irnexxielu jxaqleb il-mizien favurih dwar l-allegat xoghol maghmul hazin, senjatament dwar dak ix-xoghol fuq il-*bumper* ta' wara fejn iz-zebgha tidher li nqasmet.

Ghalhekk, ghalkemm l-attur ma rnexxielux juri u jipprova lit-Tribunal li l-konvenut ikkagunalu hsarat fir-*radiator grille* u fil-*plastic* ta' gewwa l-*wheel arch* tar-rota ta' wara (naha tal-passiggier) u ghalkemm l-istess ma rnexxielux juri u jipprova lit-Tribunal li x-xoghol ta' zebgha (*spray*) mwettaq mill-istess konvenut jimmanifesta diskrepanza jew anomalija ghal dak li jikkoncerna l-kulur, l-istess attur irnexxielu juri u jipprova li x-xoghol tal-konvenut juri anomaliji fil-*bumper* ta' wara stante li gie muri li z-zebgha fuqu inqasmet f'certi zoni. Ghalhekk, il-konvenut hu tenut iwiegeb ghal dawn l-ahhar anomaliji specifici fl-ezekuzzjoni ta' xogholu. F'dan ir-rigward, il-konvenut ma offriex spjegazzjoni li tiggustifika kif *u come* inqasmet iz-zebgha. Fi kliem is-sentenza riportata f'*Kollez.* **Vol.XXIV.I.893**, "*spettava al convenuto di dimostrare che egli nell'esecuzione di quel lavoro aveva adoperato la diligenza, la prudenza e l'attenzione da lui dovuta e che il danno fosse attribuito non a sua colpa ma al caso fortuito o ad altre cause estranee da lui indipendenti*." Fin-nuqqas ta' dan il-konvenut, ghalhekk, huwa tenut ghar-rizarciment.

F'dan is-sens, ai finijiet ta' kwantifikazzjoni ta' indenniz, ossia rizarciment, lejn l-attur, it-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Mario Zerafa li kien hareg stima fl-ammont ta' €180.00c. Din l-istima tkopri kemm xoghol ta' materjal u kif ukoll ta' l-id fuq iz-zewg *bumpers* tal-vettura ta' l-attur. Peress li l-hsara li qed jirriskontra t-Tribunal tinsab fuq il-

[52] Ara fotografija *a fol*. 4.

*bumper* ta' wara biss, l-istess stima qed tigi dimezzata ghall-ammont ta' disghin ewro (€90.00c) liema ammont ghandu jservi sabiex isehh xoghol riparatorju fuq il-*bumper* ta' wara tal-vettura ta' l-attur. In kongunta ma' dan, it-Tribunal jaghmel referenza ghar-rati ghal kiri ta' vettura alternattiva li dwarhom xehed ix-xhud Clayton Saliba u *arbitrio boni viri* jinsab jakkorda ulterjorment lill-attur l-ammont ta' tletin ewro (€30.00c) rapprezentanti kiri ta' vettura ghal jumejn (€15.00c kuljum). B'hekk, l-attur ghandu jircievi l-ammont ta' mija u ghoxrin ewro (€120.00c) minghand il-konvenut hekk kif appena spjegat u ghar-ragunijiet fuq espressi.

Illi qabel jaghlaq, it-Tribunal jhoss mehtieg li jwettaq zewg osservazzjonijiet ta' natura *obiter*.

Osservazzjoni wahda hi dwar il-valutazzjoni tal-provi mwettqa mill-enti gudikanti, filwaqt li l-ohra hi dwar il-fatt li x-xhieda kollha mressqa mill-attur (inkluz l-attur) ma gewx kontro-ezaminati. Tali osservazzjonijiet qed isehhu fid-dawl ta' certu sottomissjonijiet li gew avvanzati fit-trattazzjoni ta' l-ahhar. Ghalhekk, it-Tribunal jemmen li jkun opportun li certu kweziti u aspetti guridici jigu indirizzati u radrizzati biex jitpoggew fil-qafas proprju taghhom. Nibdew bl-ewwel osservazzjoni.

Jigi rilevat illi in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha sovra maghmula, ma nhassitx il-htiega li t-Tribunal joqghod jinvesti *funditus* f'kull argument imqanqal mill-attur u/jew mill-konvenut fit-trattazzjoni ta' l-gheluq da parti tad-difensuri taghhom. Ma nhassitx tali htiega ghaliex l-argumenti espressi f'din id-decizjoni, sia guridici u kif ukoll fattwali, implicitament jaghtu twegiba ghall-punti sollevati.

Kif ritenut, "*Hu fil-poter diskrezzjonali tal-gudikant li jislet mill-istess provi dik il-prova li hu jqis l-aktar attendibbli u affidabbli ghall-formazzjoni tal-konvinciment u li jwarrab jew jiskarta dik il-prova li hu jqis inkompatibbli mar-*ratio decidendi *adottata*." (**Elizabeth Bugeja v. Anthony *sive* Tony Muscat**, Appell Inferjuri, 27 ta' Gunju, 2007). Inoltre, kontendent fi proceduri gudizzjarji (sia attur u kif ukoll konvenut) ma jistax jippretendi illi min ghandu jiggudika ghandu jaccetta bhala sagrosant l-assunzjonijiet kollha tieghu kontra l-konvinzjonijiet ta' min hu tenut jiggudika (*vide* **Antoine Vassallo v. Paul Portelli**, Appell Inferjuri, 27 ta' Frar, 2008) ghax, kif maghruf, il-gudikant, f'sede civili, hu fakoltizzat bid-diskrezzjoni li japprezza l-elementi probatorji akkwiziti u li jispogola minnhom dawk il-fonti ta' provi li hu jidhirlu l-aktar idoneji biex isostni d-decizjoni tieghu (*vide* **Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et,** Appell Inferjuri, 9 ta' Jannar, 2008). In oltre, hu sahansitra rikonoxxut illi anke jekk sabiex tasal ghar-*ratio decidendi* tas-sentenza, il-gudikant jaghzel jistrieh kwazi ghal kollox fuq ir-rizultanzi istruttorji forniti

minn parti wahda, u mhux fuq l-assjem tal-provi, dan ma jgibx ghal daqshekk illi s-sentenza hi radikalment hazina jew erroneja (ara f'dan is-sens **Bonalco Aluminium Limited v. John Peresso**, Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 2007). Ir-raguni wara dan jista' jinsilet mill-insenjament tal-Qorti ta' Kassazzjoni Civili Taljana, fil-kaz ta' 'Zambelli *c*. Tarozzo' tat-28 ta' Jannar, 1977, fejn hemm affermat hekk: "*L'obbligo della motivazione deve ritenersi assolto dal giudice del merito ogni qualvolta questi indichi gli elementi sui quali fonda il proprio convincimento, dovendo ritenersi disattesi, per implicito, quei diversi rilievi e quelle circostanze, che, sebbene non menzionati espressamente, siano logicamente incompatibili con la decisione addottata*." (silta kaptata minn "**MASSIMARIO DELLA GIURISPRUDENZA ITALIANA**" Anno XLVII – 1977; UTET 1979, massima nru. 444 riportata f'pagna 107).

Ghal dak li jikkoncerna t-tieni osservazzjoni, it-Tribunal ghandu dan x'jirrimarka.

It-Tribunal hu konxju li fi zmien recenti evolviet certa gurisprudenza li tghid illi jekk kontro-ezami ma jsehhx, tezisti l-possibilità li l-verzjoni in ezami ("examination-in-chief" li ma tigix kontradetta), tigi meqjusa bhala accettata *tale quale*. Fi kliem iehor, is-skiet di fronti ghal certu narrazzjoni ta' fatti jaf jigi interpretat f'accettazzjoni ta' dak li qed jinghad. Dan jidher rifless fid-decizjonijiet tal-qrati u tribunal taghna, fost ohrajn, *in re* **Joseph Gauci pro et noe v. Angelo Grixti** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Gunju, 2012); **Scicluna Installations Limited v. Direttur Qrati u Tribunali Kriminali** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Lulju, 2013); **Carmel Agius v. Abba Properties Limited** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 17 ta' Settembru, 2013); **Martin Chetcuti pro et noe v. Joseph Grech** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 8 ta' Jannar, 2014); **Edwin Cilia v. Carmela sive Melina Cilia** (Appell Superjuri, 28 ta' Settembru, 2012) u **Dr Alessandro Lia noe v. Kosecp (Distribution And Business Services) Limited** (Qorti tal-Magistrati [Malta], 15 ta' April, 2015).

Madanakollu, dan it-Tribunal – filwaqt li japprezza li f'partikolari cirkostanzi *ad hoc* tali taghlim jaf ikun siewi u applikabbli – ma jaqbilx ma' tali posizzjoni generika u daqstant drakonjana tal-principju. In effetti, it-Tribunal jemmen li peress li kull kaz ghandu l-fattezzi proprji tieghu, wiehed ma jistax jitlaq mill-premessa li ghax ma jsehhx kontro-ezami, ix-xhieda in ezami tigi sigillata bhala verzjoni veritjiera jew bhala wahda accettata bhala tali. Kull kaz, u kull cirkostanza emergenti mill-istess, ghandhom jitkejlu skond l-metru gust u adatt ghall-istess kaz jew cirkostanza u mhux imkejla inflessibilment kontra kuncett li jippreskrivi linja gwida ta' natura generika.

It-Tribunal ihoss li l-qrati u l-gudikanti taghna m'humiex daqstant irrigiditi li ma jafux jaghrfu d-differenza bejn kaz u iehor, minn sitwazzjoni fattwali ghal ohra, minn qaghda guridika ghal ohra. Fil-fatt, fil-kaz *in re* **Knightsbridge Developments Limited v. Citadel Insurance Plc** (Prim'Awla, 7 ta' Lulju, 2017) dan kollu gie rikonoxxut. Fl-indikata sentenza inghad hekk: "*Is-Socjetà attrici tkompli targumenta fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, li l-fatt wahdu li ma gewx kontro ezaminati x-xhieda taghha, li dak li qalu dawn ix-xhieda ghandu jittiehed bhala vangelu. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma din il-posizzjoni. Li kieku s-Socjetà konvenuta baqghet inattiva ghal kollox waqt il-kawza, kienet tkun storja ohra mil-lat ta' evalwazzjoni probatorja. Izda xhud mhux kontro-ezaminat, ix-xhieda tieghu xorta tista' tigi kkonfutata bi provi ohrajn li jitressqu waqt il-kawza. Il-provi li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tilhaq dak il-konvinciment necessarju fuq bilanc ta' probabbilitajiet huma varji. Xhieda mhux kontestata ghax ma sarx kontro-ezami tax-xhud, ma jfissirx li din tibqa' wieqfa fuq saqajha, jekk jigu prodotti provi ohrajn li jinnewtralizzaw l-effikacja taghha, ghas-semplici raguni li ma jkunx sar il-kontro-ezami tax-xhieda jew xhud*."

Dan it-Tribunal jikkondividi pjenament tali asserzjoni u b'addizzjon l-istess izid is-segwenti hsibijiet.

Il-filosfu Awstrijaku Ludwig Wittgenstein kiteb illi, "*Philosophy is like trying to open a safe with a combination lock: each little adjustment of the dials seems to achieve nothing, only when everything is in place does the door open*." Tali taghlim japplika, b'egwal forza u manjera, ghall-process gudizzjarju. Kull att procedurali mehud wahdu, *in vacuo*, huwa relattivament immaterjali *a se stante*. Izda meta dan jitpogga fil-qafas, fil-kuntest u/jew fil-kwadru totali, tal-procediment (jew tal-process) gudizzjarju, kollox jiehu dinamika, dimensjoni u forma konkreta.[53] Kif sewwa ritenut mit-trattist **LODOVICO MORTARA** ("Commentario del Codice e Delle Leggi di Procedura Civile", 3ª ed.; Vol.II,

---

[53] Dan ma hu xejn hlief estensjoni, jew ri-dimesnjoni ezemplikattiva, tal-massima li tghid illi "ex antecedentibus et consequentibus fit optima interpretatio", u cioè illi kwalsiasi interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi hija l-ahjar ottenuta (*optima interpretatio*) meta kkunsidrata fl-isfond tal-ligi shiha u tad-disposizzjonijiet li jippreceduha (*antecedentibus*) u dawk li jigu warajha (*consequentibus*). Riflessjoni ta' dan, fost ohrajn, jinsab rakkjuz fis-sentenza in re: **Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte. Giuseppe Calcedonio Borg noe et** (Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1871). L-istess taghlim japplika ghall-interpretazzjoni ta' obligazzjoni t'indoli konvenjonali, ossia kuntrattwali, hekk kif misjub fid-decizjoni *in re* **Francesca Curmi et v. Aristide Pizzuto** (Prim'Awla, 31 ta' Ottubru, 1935) fejn intqal hekk: "*Il-klawsoli f'kuntratt ghandhom jigu interpretati wahda bl-ohra, u lil kull wahda ghandu jigi m oghti s-sens li jirrizulta mill-att intier*." L-istess inghad fid-decizjoni *in re* **Giovanni Sciortino v. Wisq Rev. Don Filippo Bonnici** (Prim'Awla, 29 ta' Marzu, 1960) u cioè li, "*il-kuntratt, sabiex jigi rettament interpretat, irid jigi vizwalizzat fl-interità tieghu, u mhux a spizziku*." Ghalhekk, hekk kif disposizzjoni ta' ligi jew klawsola f'kuntratt ma tistax tittiehed *a se stante*, l-istess japplika ghall-fibri individwali tal-provi li lkoll flimkien jaghmlu l-process gudizzjarju.

§641 p.820), "*il processo* [è] *costituito da una serie di atti, congiunti fra loro da nesso logico e giuridico.*"

Il-process gudizzjarju hu kompost minn diversi stadji u strati, u kull wiehed minnhom hu mizghud minn diversi tasselli (jew bicciet). Kull bicca wehidha, ghalkemm taf tkun importanti, ma tikkreax l'hekk imsejjah "prodediment". Hu solament meta kull bicca titpogga f'postha, biswit u ma' ohrajn bhala, li l-istampa tal-kwistjoni gudizzjarja tohrog intiera. It-tasselli hekk impoggija – bl-adoperu, naturalment, tal-ghodod procedurali u normi sostantivi – iwasslu ghal min hu tenut jiggudika ghad-decizjoni tieghu, u cioè wara evalwazzjoni, oggettiva u sobrija, tal-bicciet kollha li jikkomponu l-process, tista' tigi emessa s-sentenza.

Premess dan, huwa risaput illi l-allegazzjonijiet ta' parti kontra ohra m'huma xejn jekk mhux sostanzjati jew imsejsa fuq il-valur probatorju ta' l-evidenza mressqa mill-kontendenti. Asserzjoni wehidha ma hi xejn jekk mhux impoggija f'kuntest proprju. Dokument wahdu ma hu ta' l-ebda piz jekk ma jigix interpretat skond il-kanoni guridici u fid-dawl tal-provi l-ohra avvanzati. In-normattiva dettata mill-Art. 562 tal-Kodici ta' procedura Civili, citata aktar kmieni, tissottolinea dan kollu meta tghid li, "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*."

B'dan registrat, dan it-Tribunal jaraha alkwantu perikoluza li tinsilet xi forma ta' presunzjoni (favur kontendent u kontra l-iehor) mill-fatt wahdu li ma jsehhx kontroezami, ossia li l-inerzja ta' parti quddiem ix-xhieda tal-parti avversarja tigi mehuda, b'mod awtomatiku, bhala accettazzjoni tacita tan-narrazzjoni fattwali f'dik ix-xhieda.

Kif senjalat aktar kmieni, fi zmien pjuttost recenti gew pronunzjati decizjonijiet li jghidu li jekk ma jsehhx kontro-ezami, il-fatti narrati mix-xhud in ezami, ghandhom jittiehdu bhala riflessjoni awtomatika tas-sewwa, u dan ghax ma gewx direttament opposti jew kuntrastati bl-ghodda tal-kontro-interrogatorju. Madanakollu, it-Tribunal jemmen li din il-kwistjoni hi aktar delikata u aktar profonda minn hekk. X'jigri meta, nonostante l-kontro-ezami, dan ma jwassalx ghall-kollass, totali jew parzjali, tat-tezi avversarja? X'jigri jekk isehh kontro-ezami qasir li jmiss appena l-qalba tal-fatti narrati mix-xhud in ezami? Ghandu dan ifisser li ghax sehh dak il-kontro-ezami (jew ghax hemm l-apparenza tieghu), x-xhieda in ezami ghandha tigi klassifikata bhala kontradetta ghax superficjalment opposta? Wiehed jistaqsi: ghaliex is-silenzju (l-omissjoni tal-kontro-ezami) m'ghandux jigi interpretat bhala espressjoni tacita, u addirittura attitudni volontarja jew intenzjonali, li tfisser oppozizzjoni? Ghalhekk – u dan huwa wkoll frott l-esperjenza ta' kull avukat litigatur quddiem il-qrati – wiehed ma jistax hawnhekk jitlaq

mill-, jew jirpoza fuq, il-premessa ta' "qui tacet consentire videtur". Il-prudenza tiddetta li min ghandu jiggudika ghandu joqghod attent li ma jaqax f'din in-nassa.

In fatti fid-duttrina legali l-principju tas-silenzju guridiku (jew gudizzjarju) jinklina favur is-«silenzju-rifjut» u kontra s-«silenzju-assens». Dik ta' l-ewwel hi r-regola generali, mentri din ta' l-ahhar hi l-eccezzjoni ghar-regola. Is-silenzju jaf ifisser hafna affarijiet: "*Il silenzio può essere timidità, incertezza e imbarazzo – o invece eroismo, prudenza e meditazione –; può essere pietà o disprezzo, vergogna od orgoglio, incuria o calcolo, forza o viltà, lealtà o finzione, fedeltà o tradimento, amore od odio*" (*cfr*. **Gaetano Donà**, "Il Silenzio Nella Teoria Delle Prove Giudiziali", Fratelli Bocca editori, 1929; p.20). L-istess kummentatur ikompli jikteb dwar it-tematika *de quo* billi jghid li, "*poiché se la parola – nel suo contenuto ideologico e nel suo procedimento fonico – è un fatto della volontà, della volontà è pure l'impedimento o l'autoinibizione della parola. Di modo che, a ben guardare, l'antitesi non è fra la parola da una parte e il silenzio dall'altra, bensì fra la parola esteriore e la parola interiore; la quale ultima (ossia il silenzio, inteso nel senso relativo di mancanza della parola esteriore) rappresenterebbe quindi lo stato prevalente della vita psichica*." (*ibid*. p. 22). Dan l-awtur ikompli josserva li, "*il silenzio è – come disse Rosmini – un atto positivo della volontà e del pensiero, dal quale – al pari che dalla voce parlata o scritta – si può desumere, secondo le circostanze e caso per caso, contrarietà, opposizione e ripulsa, o invece approvazione, assenso e conferma* " (*ibid*. p. 23). Trattazzjoni interessanti ulterjuri dwar is-silenzju fi procediment (jew kwestjonijiet) civili tinsab fi "Nuove Questioni Di Diritto Civile" ta' **Carlo Francesco Gabba** (Fratelli Bocca editori, 1912; Vol. I, pp.89–116). Mix-xena domestika ara d-decizjoni *in re* **Av. Dott. Giuseppe Mifsud Bonnici noe v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Appell Superjuri, 8 ta' Jannar, 1979; mhux pubblikata), b'siltiet estensivi minn awturi esteri dwar is-suggett.

Ghalhekk, is-silenzju ghandu jigi ben interpretat mill-gudikant. Dan ghandu jitpogga fil-kwadru shih tal-kwestjoni *de quo agitur*. Wara kollox, ezempju klassiku tas-silenzju li, di natura, jfisser oppozizzjoni ghal dak li qed tghid il-parti avversarja insibuh fl-istitut tal-kontumacja. Mela ghalhekk, jekk konvenut kontumaci hu prezunt li qed tacitament jirrespingi l-pretiza attrici bis-silenzju fuqu gudizzjarjament impost – u dan ghax qed jafda l-proprja difiza tieghu lill-gudikant[54] – mela kemm hu aktar hekk meta parti (attrici

[54] Fid-duttrina nsibu ritenut li, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**Salvatore La Rosa**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p.175). Mil-lat ta' gurisprudenza lokali, kif inghad *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959), "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet*

jew konvenuta) taghzel volontarjament li tibqa' siekta fl-istrategija legali taghha? Il-kontumaci ma jista' jwettaq l-ebda kontro-ezami tax-xhieda mressqa mill-parti attrici, izda tali nuqqas ma jissarrafx awtomatikament fil-fatt li tali deposizzjonijiet m'ghandhomx jigu ben skrutinati u mwiezna mill-gudikant. Allura, parti li liberament taghzel li ma twettaqx kontro-ezami m'ghandhiex tigi awtomatikament pregudikata u sanzjonata. F'tali kaz, il-gudikant ma jabdika qatt mid-dover li jevalwa l-valur probatorju tax-xhieda, anke jekk mhux kontro-ezaminata. Hu ghandu, b'dover, jikkalibra tali xhieda fil-kawdru intier tal-grajja processwali.

Minn ricerka qalb numru ta' kotba guridici dwar it-tematika specifika tal-kontro-ezami, jirrizultaw is-segwenti principji interessanti (li jiggustifikaw u jispjegaw is-senjalazzjonijiet appena maghmula):

**(a)** "*Cross-examination is intended to whittle down your trial Adversary's direct evidence, to hone down the case against your client, and to take testimony and exhibits intended by your Adversary to damage your client and deftly neutralize or dilute them substantially.* ***When, however, your Adversary puts a witness on the stand whose testimony or evidence does no harm whatever to your client, there is normally no need to cross-examine that witness as there is nothing you have to overcome and nothing that needs whittling down****. Your sole aim as trial counsel is to protect your client's interests. Not to sharpen the cutting edge of your cross-examiner's blade. Thus, the first tenet of the cross-examiner's creed is that a witness whose evidence is either favorable, neutral, or fits comfortably into your own overview of the ultimate mosaic of your case, should not ordinarily be questioned*." (*cfr*. **JOHN NICHOLAS IANNUZZI**, "Handbook of Cross Examination: The Mosaic Art", MADCAN books, 3rd edition 2015; p.1);

**(b)** "*The right time to waive cross[-examination] is when the* ***witness has helped or at least done no harm to your case***" (*cfr*. **RONALD H. CLARK *ET AL***, "Cross Examination Handbook", Wolters Kluwer, 2015 edition; p.208);

**(c)** "***Nothing could be more absurd or a greater waste of time than to cross-examine a witness who has testified to no material fact against you****. And yet, strange as it may seem, the courts are full of young lawyers – and alas! not only young ones – who seem to feel it their duty to cross-examine every witness who is*

---

*legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal*." F'dan is-sens hi wkoll id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata).

*sworn. They seem afraid that their clients or the jury will suspect them of ignorance or inability to conduct a trial. It not infrequently happens that such unnecessary examinations result in the development of new theories of the case for the other side; and a witness who might have been disposed of as harmless by mere silence, develops into a formidable obstacle in the case*." (*cfr*. **FRANCIS WELLMAN**, "the Art of Cross-Examination" ed. 1999; p.41);

**(d)** L-awturi **KAJ HOBÉR** u **HOWARD S. SUSSMAN** (*cfr*. "Cross-Examination in International Arbitration", Oxford University Press 2014; §5.06, p.33) jghidu illi, "*Before undertaking a cross-examination, you must make a conscious and carefully considered decision whether to cross-examine at all. That is because cross-examination can easily make things worse than they were at the end of the direct testimony*." Dan hu hekk ghax, dejjem fl-opinjoni ta' dawn l-awturi, certa riskji "*are avoided if there is no cross-examination*." Huma jispjegaw hekk: "*Thus the wiser course will often be not to cross-examine. As a corollary, you should never permit your client to bully or shame you into cross-examining when your professional judgement is that cross-examination should not be undertaken. Many cases have been lost by unwise cross-examination*." (*ibid.,* §5.10, p.34);

**(e)** Skond l-awtur **DOMENICO CARPONI SCHITTAR** (*op. cit.*, p.347) m'huwiex indispensabbli li kull xhud jigi kontro-interrogat. In fatti hu jirrakkomanda "*di non lasciarsi indurre a controesaminare solo per l'equivoco sul fatto che procedervi sarebbe effettivamente indispensabile. Non lo è. Al contrario – nonostante ogni apparenza collochi in questa fase non solo il fascino dell'agone ma anche la prospettiva della risoluzione del caso –* ***meno si controesamina meglio è***.";

**(f)** "*ci si impegna nel controesame solo quando si ha un obiettivo significante sotto il profilo probatorio e se tale obiettivo appare concretamente raggiungibile. In altri termini: si controesamina se l'esame diretto ha addotto elementi utili all'impostazione della controparte, e data questa premessa, se è possible attenuare o elidere tali elementi.* ***In mancanza di tali condizioni l'unica scelta strategicamente e tatticamente corretta è quella di non procedere al controesame***." (*cfr*. **LUISELLA DE CATALDO NEUBURGER**, "Esame e Controesame", CEDAM 2008, 2ª edizione; pp. 208–209);

**(g)** "***La regola basilare dice che se le dichiarazioni di un testimone non hanno fatto danni, non c'è ragione di controinterrogarlo****. Lo aveva già scoperto Cicerone ('De Oratore', libro II §301-302): «E infatti vi sono nella cause, in ogni*

*parte del discorso, moltissime cose che vanno considerate con la massima attenzione per non fare passi falsi e non andare a sbattere contro qualcosa: spesso il testimone non è per nulla, comunque poco dannoso se non è provocato […] io non mi lascio smuovere, non mi sottometto, non li soddisfo e di conseguenza non raccolgo nessuna lode, perchè le persone inesperte piú facilmente sono capaci di biasimare una parola fuori posto che di apprezzare un ben calcolato silenzio […] in verità, niente mi sembra piú imbarazzante che il sentire, dopo una risposta ad una domanda dell'oratore, questo comment: 'Ha dato il colpo di grazia'. 'All'avversario?' 'No no, a sé e al proprio cliente!'.»"* (*cfr.* **LUISELLA DE CATALDO NEUBURGER**, *op. cit.*, pp.213–214).

Dan kollu jfisser li wiehed m'ghandux jitlaq mill-premessa li fin-nuqqas ta' kontro-ezami ta' xhud, dik id-deposizzjoni trid tittiehed bhala rifless tar-realtà (jew tal-verità) b'mod awtomatiku, izda li tali xhieda ghandha xorta wahda titpogga biswit il-provi kollha l-ohra migbura, kumparata, ekwilibrata u kalibrata maghhom u mehuda dejjem fil-kwadru shih ta' dak allegat u ta' dak kontro-allegat mill-kontendenti. Fi kliem iehor, l-ommissjoni li jsehh kontro-ezami mhux dejjem tfisser li min ma wettqux qed jaccetta l-fatt narrat. Tali omissjoni taf tfisser hekk, izda, meta titpogga f'kuntest shih fejn tidher li tistona a konfront, *inter alia*, tal-kwantità tax-xhieda u l-kwalità tat-testimonjanza.

Ghalhekk, kuntrarjament ghall-posizzjoni mehuda minn certu decizjonijiet domestici dwar in-nuqqas li jsehh kontro-ezami, il-fatt li dan ma jsehhx ghandu jiettiehed fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi kollha in atti. M'ghandu jkun l-ebda presunzjoni li l-omissjoni ta' domandi in kontro-ezami hi tifsira awtomatika jew implicita ta' assens ghal dak li sostna x-xhud waqt l-"examination-in-chief" ghax kif inghad aktar kmieni l-principju ta' "chi tace, acconsente" mhux ir-regola izda l-eccezzjoni.[55]

---

[55] L-ispirtu ta' l-insenjamenti u osservazzjonijiet fuq riportati huma mhaddna fl-ordinament guridiku Malti. Bhala ezemplari, u fost bosta ohra, insibu ritenut hekk fis-sentenza *in re* **Anthony Azzopardi et v. Anthony Micallef** (Prim'Awla, 5 ta' Mejju, 2016): "*il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha; Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova*." L-istess insenjament insibu ukoll fid-decizjoni *in re* **Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil** (Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2010) fejn il-Qorti sostniet hekk: "*huwa valevoli bosta li jigi sottolinejat illi l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu tinsorgi fih meta l-attur minn naha tieghu jkun gab prova tal-fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu. Dan huwa hekk ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas tal-provi tac-cirkostanzi dedotti mill-konvenut biex jikkumbatti l-pretensjoni ta' l-attur ma tiddispensax lil dan ta' l-ahhar mill-piz li adegwatament juri u jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu*." L-istess sostniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili *in re* **Philip Grima v. Chris Grech** (28 ta' Jannar, 2010) u cioè li, "*Dwar l-enfasi li saret fin-nota tar-rikorrent li l-intimat ma kienx qed jikkontesta l-fatti avvanzati fir-rikors tieghu, din il-Qorti tghid li l-piz tal-prova li ghandu l-intimat biex isostni d-difiza tieghu tinsorgi ladarba ir-rikorrent min-naha tieghu ikun gab il-prova ta' fatt jew fatti li jsostnu t-talba tieghu. Dan ghaliex l-insufficjenza jew in-nuqqas ta' prova tac-cirkostanzi dedotti mill-intimat biex jikkumbatti l-pretensjoni tar-rikorrent ma tiddispensax lir-rikorrent mill-oneru li*

Hawnhekk, jinghalqu l-osservazzjonijiet *obiter* li kellu jaghmel dan it-Tribunal.

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara illi l-konvenut ma wettaqx l-appalt inkarigat lilu mill-attur skond is-sengha u l-arti limitatament u solament fir-rigward tal-*bumper* tan-naha ta' wara tal-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni ACB-786 u f'dan is-sens biss jilqa' t-talba attrici u jichadha ghall-bqija. Fid-dawl ta' hekk u ai finijiet ta' kumpens rizarcitorju, it-Tribunal qed jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' mija u ghoxrin ewro (€120.00c) ghar-ragunijiet imfissra f'din id-decizjoni, bl-imghax dekorribbli fuq tali ammont mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri – minhabba n-natura tal-kaz, il-fatt li l-pretiza attrici ma gietx akkolta fl-ammont originarjament propost u b'applikazzjoni ta' l-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

---

*adegwatament u skond il-ligi jipprova l-legittimità u l-fondatezza tal-mertu tal-pretensjoni tieghu li dwarha qed jitlob rimedju mill-Qorti.*"